



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 5 ta' Novembru 2004

14292/04

CONCL 3

NOTA TA' TIFSIR

minn : Presidenza

lil : Delegazzjonijiet

Suġġett : **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
4/5 TA' NOVEMBRU 2004**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (4/5 ta' Novembru 2004).

1. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta b'mod partikulari
 - it-thejjiġa tar-Reviżjoni ta' Nofs it-Term ta' l-Istrateġija ta' Lisbona
 - Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja: il-Programm ta' l-Aja
 - ninfurmaw dwar l-EwropaKellu wkoll diskussjonijiet mal-Prim Ministru ta' l-Iraq, is-Sur Allawi.
2. Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn spjega mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell, segwita bi skambju ta' fehmiet.
3. Il-Kunsill Ewropew ħa nota ta' dak li ħareġ mid-dibattitu tal-Parlament Ewropew dwar l-investitura tal-Kummissjoni nominata. Laqa' l-lista l-ġdida tal-Membri-nominati tal-Kummissjoni ppreżentata mill-President nominat is-Sur José Manuel Barroso. Il-Kunsill b'akkordju komuni mal-President nominat, adotta din il-lista. Il-Kunsill Ewropew esprima t-tama tiegħu li din il-Kummissjoni tista' tiġi approvata u tibda l-mandat mill-iktar fis possibbli.
4. Il-Kunsill Ewropew innota b'sodisfazzjon kbir li t-"Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa" ġie solennement iffirmit f'Ruma fid-29 ta' Ottubru 2004 f'isem l-Istati Membri kollha.

I. L-ISTRATEĠIJA TA' LISBONA: IT-TĦEJJIJA GĦAR-REVIŻJONI TA' NOFS IT-TERM

5. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma l-validità u r-rilevanza tal-proċess li hu beda f'Lisbona f'Marzu 2000 maħsub lejn it-tiŝhih sostanzjali tal-kompetittività ta' l-ekonomiji Ewropej permezz ta' strateġija bilanċjata b'dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali. Ħeġġeġ lill-Kunsill biex jibni fuq il-progress magħmul mil-laqgħa tar-Rebbiegħa 'l hawn u biex iżomm il-momentum tax-xogħol tiegħu. Saħaq fuq l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri miftehma mill-Istati Membri.

6. Il-Kunsill Ewropew enfasizza l-importanza tar-Reviżjoni ta' Nofs it-Term fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2005 biex ttiprovdi impetu imġedded għall-Istrateġija ta' Lisbona. F'dan ir-rigward laqa' preżentazzjoni mis-Sur Wim Kok, President tal-Grupp ta' Livell Għoli li qed jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar it-tnejniet tagħha għar-Reviżjoni ta' Nofs it-Term. Il-preżentazzjoni kienet segwita bi skambju ta' fehmiet.
7. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tkompli tagħmel l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Lisbona komponent ta' qofol tal-politika tagħha. F'dan ir-rigward stieden lill-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem il-proposti meħtieġa għar-Reviżjoni ta' Nofs it-Term fid-dawl ta' sfidi ġodda sa' l-aħħar ta' Jannar 2005. Dawn il-proposti komprensivi għandhom jagħtu każ tar-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli presjedut mis-Sur Kok u jieħdu kont tal-fehmiet ta' l-Istati Membri. Għandhom jieħdu kont ukoll tar-reviżjoni li ġejja ta' l-Istrateġija ta' l-Iżvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill biex jeżamina dawn il-proposti fi żmien debitu u jistenna bil-ħerqa kontributi konkreti oħrajn bil-ħsieb ta' l-implimentazzjoni b'suċċess ta' l-Istrateġija ta' Lisbona fid-dimensjonijiet kollha tagħha.
8. Il-Kunsill Ewropew ħa nota ta' l-iskambju ta' fehmiet fil-Laqqha Għolja Soċjali Tripartita u, filwaqt li rrikonoxxa r-rwol ta' qofol li sħab soċjali għandhom fil-livelli kollha, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-immodernar tas-suq tax-xogħol u l-antiċipazzjoni ta' bidla, stedinhom biex jikkommettu ruħhom għar-Reviżjoni ta' Nofs it-Term dwar implimentazzjoni iżjed effettiva ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.
9. Il-Kunsill Ewropew innota b'sodisfazzjoni li programm ta' azzjonijiet ġie mibdi biex imexxi 'l quddiem l-inizjattiva konġunta dwar regolamentazzjoni aħjar. L-istituzzjonijiet ta' l-UE għamlu progress tajjeb lejn l-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għal stimi ta' impatt u l-adattazzjoni ta' metodi ta' ħidma għall-programm ta' simplifikazzjoni, kif kien previst fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġi.

10. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill (ECOFIN) fil-21 ta' Ottubru. F'dan ir-rigward innota, b'mod partikulari,
- is-sostenn mogħti lill-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-kejl ta' piżijiet amministrattivi;
 - l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tippreżenta fi żmien qasir komunikazzjoni dwar din il-kwistjoni;
 - il-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fi proġetti pilota li jimmiraw lejn aktar determinazzjoni ta' tali metodoloġija, li għandhom jiġu kompletati mill-aktar fis possibbli fl-2005.

Il-Kunsill Ewropew għamel sejħa lill-Kummissjoni biex timplimenta l-metodoloġija fil-linji gwida tagħha għal stimuli ta' impatt u metodi ta' ħidma għas-simplifikazzjoni wara l-finalizzazzjoni tal-piloti.

11. Il-Kunsill Ewropew, filwaqt li rrikonoxxa r-rwol importanti li għandu l-Parlament Ewropew f'dan il-qasam, laqa' l-progress magħmul mill-Kummissjoni u l-Kunsill lejn l-istabbiliment ta' prijoritajiet tal-Kunsill għas-simplifikazzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja eżistenti b'rispett lejn l-*acquis communautaire*. Hu stieden lill-Kummissjoni biex tinkludi dawn il-prijoritajiet fil-programm evoluttiv ta' simplifikazzjoni tagħha. Innota li l-prijoritajiet probabbilment ikunu identifikati fis-setturi ambjentali, tat-trasport u ta' l-istatistika. Stieden lill-Kunsill biex isegwi xogħol primarjament f'dawn is-setturi magħżula u biex jidentifika, fil-laqgħa tiegħu ta' Novembru, prijoritajiet miftehma fil-forma ta' lista qasira ta' 10-15 att legali.
12. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2005 ser jiddiskuti regolamentazzjoni aħjar fil-kuntest tar-Reviżjoni ta' Nofs it-Term ta' Lisbona.
13. Fl-aħħar, fil-kuntest tat-tnejn tar-Reviżjoni ta' Nofs it-Term il-Kunsill Ewropew ħa nota ta' l-ittra tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern ta' Franza, l-Ġermanja, Spanja u l-Isvezja li tiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' fatturi demografiċi fit-tfassil ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Ewropa fil-ġejjieni u li ssejjaħ għall-elaborazzjoni ta' "Patt Ewropew għaż-Żgħożija".

II ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA: IL-PROGRAMM TA' L-AJA

14. Is-sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri tagħha kisbet urġenza ġdida, speċjalment fid-dawl ta' l-attakki terroristiċi fl-Istati Uniti fil-11 ta' Settembru 2001 u f'Madrid fil-11 ta' Marzu 2004.

Iċ-ċittadini ta' l-Ewropa bi dritt jistennew li l-Unjoni Ewropea, filwaqt li tiggarantixxi r-rispett għal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali, tiegħu approċċ konġunt iktar effettiv lejn problemi transkonfini bħall-migrazzjoni illegali u t-traffikar u d-dħul klandestin ta' bnedmin, kif ukoll lejn it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

15. Ħames snin wara l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Tampere, meta qabel fuq programm li ħejja l-pedament għal kisbiet importanti fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, wasal iż-żmien għal programm ġdid li jippermetti lill-Unjoni tibni fuq dawn il-kisbiet u tilqa' b'mod effettiv l-isfidi l-ġodda li ser tħabbat wiċċha magħhom. B'dan il-għan, adotta programm pluriennali ġdid għall-ħames snin li ġejjin, li ser ikun magħruf bħala l-Programm ta' l-Aja, li huwa meħmuż ma' dawn il-konklużjonijiet. Dan il-programm jirrifletti l-ambizzjonijiet kif espressi fit-Trattat li jstabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa. Jieħu kont ta' l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni kif milqugħa mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2004 kif ukoll tar-Rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' l-ivvutar b'magħġoranza kwalifikata u bil-proċedura ta' kodeċizzjoni adottati mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Ottubru 2004.
16. Il-Programm ta' l-Aja għandu x'jaqsam ma' l-aspetti kollha ta' linji politiċi relatati maż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, inkluż id-dimensjoni esterna tagħhom, b'mod partikulari d-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza, l-asil u l-migrazzjoni, il-maniġġar tal-fruntieri, l-integrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, il-koperazzjoni bejn il-ġustizzja u l-pulizija, u d-dritt ċivili, filwaqt li strateġija dwar id-drogi ser tiġi miżjuda f'Diċembru 2004. Flimkien ma' dan, il-Kunsill Ewropew jikkonsidra li l-ħolqien ta' strumenti legali Ewropej xierqa u t-tisħiħ tal-koperazzjoni Prattika u operazzjonali bejn aġenziji nazzjonali rilevanti, kif ukoll l-implimentazzjoni f'waqtha ta' miżuri miftehma, huma ta' importanza vitali.

17. Fid-dawl ta' dan il-Programm, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta Pjan ta' Azzjoni fl-2005 bi proposti għal azzjonijiet konkreti u skeda ta' żmien għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' l-Unjoni ("scoreboard"). L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha għal dan il-għan. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-importanza tat-trasparenza u l-involvement tal-Parlament Ewropew.
18. Il-Kunsill Ewropew għamel sejħa lill-Kunsill biex jiżgura li l-iskeda ta' żmien għal kull waħda mid-diversi miżuri hija osservata.
19. Mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju 2007-2013, il-Kunsill Ewropew innota li għandu jittieħed kont dovut ta' l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' l-aġenda pluriennali għaż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
20. Il-Kunsill Ewropew ser jirrivedi l-progress tal-Programm ta' l-Aja fit-tieni nofs ta' l-2006.

III. NINFORMAW DWAR L-EWROPA

21. Il-Kunsill Ewropew tenna l-ħtieġa li tiġi msaħħa l-kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-importanza tax-xogħol ta' l-Unjoni u jilqa' r-riżultat tal-laqgħa tal-Ministri ta' l-Affarijiet Ewropej iddedikata għal dan is-suġġett. Iħeġġeġ ukoll lill-presidenzi tal-ġejjieni biex ikomplu d-diskussjoni dwar dan is-suġġett, inkluż l-eżami ta' possibbiltajiet għal dibattiti pubbliċi mxandra fuq it-televiżjoni dwar kwistjonijiet Ewropej qabel il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew. Iċ-ċittadini ta' l-Ewropa għandhom valuri essenzjali komuni u l-politiċi kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-livell Ewropew għandhom responsabbiltà li jikkomunikaw ir-rilevanza tal-proġett Ewropew u li jinvolvu lill-Ewropej, permezz tad-dibattitu pubbliku u ċ-ċittadinanza attiva, fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

22. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-enfasi speċjali li l-Kummissjoni tkompli tqiegħed fuq il-komunikazzjoni kif ukoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħha fi żmien debitu qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2005.
23. Il-Kunsill Ewropew tenna li l-proċess ta' ratifika tat-Trattat Kostituzzjonali jipprovdi opportunità importanti biex il-pubbliku jiġi infurmat dwar kwistjonijiet Ewropej. L-Istati Membri jistgħu jaqsmu informazzjoni u esperjenzi relatati ma' dan il-proċess, minkejja l-fatt li kampanji relatati mar-ratifika jibqgħu r-responsabbiltà nazzjonali ta' kull Stat Membru.

IV. TKABBIR

24. Il-Kunsill Ewropew sema' preżentazzjoni mill-President tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-Rapporti ta' Progress, id-Dokument ta' Strateġija dwar it-Tkabbir u Rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' l-erba' stati kandidati kif ukoll l-istudju dwar Kwistjonijiet li jqumu mill-perspettiva ta' sħubija tat-Turkija pubblikati mill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2004.
25. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li, b'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti, ser jindirizza l-kwistjonijiet li għad baqa' dwar it-tkabbir fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru 2004.

V. AFFARIJET ESTERNI

L-elezzjoni Presidenzjali tal-US

26. Il-Kunsill Ewropew ikkongratula ruħu bil-qalb mal-President George W. Bush għall-elezzjoni mill-ġdid tiegħu bħala President ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Is-sħubija transatlantika mill-qrib tagħna, ibbażata fuq valuri komuni, hija fundamentali għall-approċċ ta' l-Ewropa sabiex tibni paċi, sigurtà u prosperità internazzjonali. Ir-rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali sodi tagħna jagħmluna sħab naturali u indispensabbli ta' xulxin.

27. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom responsabbiltà komuni li jindirizzaw theddid u sfidi ċentrali bħal, per eżempju, kunflitti reġjonali, b'mod partikulari fil-Lvant Nofsani; it-terroriżmu; il-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa; l-AIDS; il-ġlieda kontra l-faqar. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għandhom ukoll ikompli jikkoperaw mill-qrib biex jikkontribwixxu għal riżultat ta' suċċess tad-*Doha Round* tan-negożjati kummerċjali.
28. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma hekk li jaħdmu ferm mill-qrib mal-President Bush u ma' l-Amministrazzjoni l-għdida tiegħu biex jingħaqdu fl-isforzi, inkluż fl-istituzzjonijiet multilaterali sabiex jipromwovu l-istat tad-dritt u jgħallqu dinja ġusta, demokratika u żgħira.

Is-Sudan

29. Il-Kunsill Ewropew esprima t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan/f'Darfur u enfażizza l-importanza tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u t-titjib tal-kondizzjonijiet ta' sigurtà. Għamel sejħa lill-Gvern tas-Sudan u lill-partijiet l-oħra biex jissodisfaw it-talbiet stabbiliti mill-komunità internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew afferma mill-għdid is-sostenn kontinwu tiegħu lill-Unjoni Afrikana u r-rieda tiegħu li jipprovdi għajnuna u l-kompetenza tiegħu għall-espansjoni tal-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana f'Darfur. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Novembru u inkoraġġixxa lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha, mingħajr mingħajr ma jiġi eskluż l-użu ta' sanzjonijiet, bħala kwistjoni urġenti.

L-Iraq

30. Il-Kunsill Ewropew iltaqa' mal-Prim Ministru Iraqi Allawi biex jiddiskutu s-sitwazzjoni fl-Iraq u tenna s-sostenn qawwi tiegħu għall-proċess politiku fl-Iraq u għall-Gvern Interim Iraqi. Laqa' d-determinazzjoni Iraqqina biex tkompli l-proċess politiku u assigura lill-Prim Ministru li l-Unjoni Ewropea ser tkompli ssostni t-triq kuraġġuża u diffiċli li l-poplu ta' l-Iraq qed jiġbed lejha għar-restorazzjoni tas-sigurtà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew adotta d-Dikjarazzjoni meħmuża u inkoraġġixxa lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha bħala kwistjoni urġenti.

Il-Lvant Nofsani

31. Il-Kunsill Ewropew jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Palestinjan f'dan il-mument diffiċli. Jinkoraġġixxi lit-tmexxija Palestinjana biex turi sens qawwi ta' responsabbiltà fl-iżgurar tal-funzjonament regolari ta' l-istituzzjonijiet Palestinjani. Il-Kunsill Ewropew jikkonsidra li hu essenzjali li tmexxija leġittima tkompli timxi b'mod determinat fit-triq lejn paċi fil-Lvant Nofsani.
32. Il-Kunsill Ewropew, waqt li jfakkar il-posizzjonijiet stabbiliti ta' l-UE, jibqa' impenjat fir-rigward tas-soluzzjoni ta' żewġ-Stati kif stabbilit fir-*Roadmap* u miftiehem bejn il-partijiet, li jirriżulta fi Stat Palestinjan vijabbli, kontigwu, sovrani u indipendenti li jeżisti fil-paċi ma ġenb Iżrael fi fruntieri rikonoxxuti u żguri.
33. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-vot tal-Knesset tas-26 ta' Ottubru li jappoġġja l-irtirar ta' l-Iżrael mill-medda ta' Gaża u parti mit-Tramuntana tax-Xatt tal-Punent. Il-Kunsill Ewropew jesprimi r-rieda tiegħu biex jappoġġja tali rtirar bħala l-ewwel pass fil-proċess ġenerali, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2004, fost liema, li dan iseħħ fil-kuntest tar-*Roadmap*. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll id-dikjarazzjoni tal-Kwartett tat-22 ta' Settembru.
34. Il-Kunsill Ewropew japprova l-programm ta' azzjoni ta' perijodu qasir fl-oqsma tas-sigurtà, tar-riformi, ta' l-elezzjonijiet u ta' l-ekonomija proposti mir-Rappreżentant Għoli. Jisħaq b'mod partikulari fuq id-disponibbiltà tiegħu biex jappoġġja l-proċess elettoralni fit-Territorji Palestinjani . Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Awtorità Palestinjana sabiex torganizza elezzjonijiet b'konformità ma' standards internazzjonali taħt l-awtorità ta' Kummissjoni elettoralni indipendenti u jappella lill-Iżrael sabiex jiffaċilita dawn l-elezzjonijiet.

35. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li dawn l-inizjattivi jkunu jeħtieġu l-koperazzjoni sħiħa mill-partijiet u bejniethom, kif ukoll il-koordinazzjoni mas-sħab l-oħra involuti, speċjalment fir-reġjun – partikolarment ma' l-Eġittu – u fi ħdan il-Kwartett. Il-Kunsill Ewropew itenni r-rieda tiegħu li jappoġġa lill-Awtorità Palestinjana biex tiegħu r-responsabbiltà għad-dritt u l-ordni. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw regolarment rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi.
36. Fl-istess ħin, bil-għan li jerġa' jagħti bidu għall-proċess politiku sinifikanti ta' negozjati, il-Kunsill Ewropew jikkonsidra li l-appoġġ għal dawn il-proposti għal perijodu qasir jiġi mtejjeb jekk jistgħu jseħħu fil-qafas ta' perspettiva politika aktar wiesgħa. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex imexxi konsultazzjonijiet għal dak il-għan mal-partijiet, mal-komunità internazzjonali u, b'mod partikulari, mal-membri l-oħra tal-Kwartett.
37. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu fir-rigward tal-vjolenza u tat-terroriżmu, u jħeġġeġ li jerġa' jibda jseħħ waqfien mill-ġlied li jinkludi l-partijiet u l-gruppi kollha.

L-Iran: kwistjonijiet nukleari

38. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-iskambji attwali ma' l-Iran dwar il-programm nukleari tiegħu. Reġa' afferma li ser jaħdem sabiex jiftaħ it-triq għal relazzjoni deġġiema u koperattiva għall-perijodu fit-tul ma' l-Iran, inklużi d-dimensjonijiet politiċi, kummerċjali u teknoloġiċi.
39. Hu saħaq fuq l-importanza li ta sabiex tinbena l-kunfidenza fin-natura paċifika tal-programm nukleari ta' l-Iran u l-ħtieġa għal trasparenza u konformità mar-risoluzzjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi ta' l-IAEA. Sospensjoni sħiħa u sostnuta ta' l-attivitajiet kollha ta' arrikkiment u pproċessar mill-ġdid, fuq bażi volontarja, tiftaħ il-bibien għal taħdidiet dwar koperazzjoni għall-perijodu fit-tul li toffri benefiċċji reċiproċi.

40. Hu kkonferma li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jibqgħu attivament impenjati - b'mod partikulari permezz ta' l-isforzi ta' Franza, tal-Ġermanja, tar-Renju Unit u tar-Rappreżentant Għoli - bl-għan li jintlaħaq progress dwar il-kwistjoni nukleari Iranjana qabel il-laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi ta' l-IAEA li tibda fil-25 ta' Novembru 2004.
41. Jekk l-iskambji attwali jirriżultaw f'konklużjoni ta' suċċess, il-Kunsill Ewropew qabel li n-negożjati dwar Ftehim ta' Kummerċ u Koperazzjoni għandhom jerġgħu jibdew hekk kif is-sospensjoni tiġi verifikata.

L-Ukraina

42. Il-Kunsill Ewropew iqis l-Ukraina bħala ġara u sieħba kruċjali. F'dan l-isfond juri dispjaċir li l-ewwel serje ta' l-elezzjonijiet presidenzjali fl-Ukraina fil-31 ta' Ottubru ma laħqux l-istandards internazzjonali għal elezzjonijiet demokratiċi.
43. L-UE laqgħat l-għadd għoli ta' votanti bħala element pożittiv.
44. Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-awtoritajiet Ukraini biex jindirizzaw in-nuqqasijiet innutati fil-ħin qabel it-tieni serje ta' l-elezzjonijiet u biex joħolqu kondizzjonijiet li jippermettu elezzjonijiet ħielsa u ġusti, b'mod partikulari billi jiġi żgurat aċċess indaqs għall-medja statali għaż-żewġ konkorrenti.

Strateġija Komuni dwar il-Mediterran

45. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Komuni dwar ir-reġjun tal-Mediterran u qabel li jestendi l-perijodu ta' l-applikazzjoni tiegħu bi 18-il xahar sat-23 ta' Jannar 2006.

IL-PROGRAMM TA' L-AJA

**IT-TISĦIĦ TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA
FL-UNJONI EWROPEA**

I. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-prijorità li jagħti lill-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li tirrispondi għal tħassib ċentrali tal-popli ta' l-Istati miġbura flimkien fl-Unjoni.

Matul l-aħħar snin l-Unjoni Ewropea żiedet ir-rwol tagħha li tassigura koperazzjoni tal-pulizija, doganali u ġudizzjarja u fl-iżvilupp ta' politika koordinata fir-rigward ta' l-asil, l-immigrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri esterni. Dan l-iżvilupp ser ikompli bl-istabbiliment iktar sod ta' żona komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, iffirmata f'Ruma fid-29 ta' Ottubru 2004. Dan it-Trattat u t-Trattati ta' qabel ta' Maastricht, Amsterdam u Nizza ġabu magħhom progressivament qafas legali komuni fil-qasam tal-ġustizzja u affarijiet interni, u fl-integrazzjoni ta' dan il-linja politika ma' linji politiċi oħrajn ta' l-Unjoni.

Mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere fl-1999, il-politika ta' l-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni ġiet żviluppata fil-qafas ta' programm ġenerali. Anke jekk ma ntlaħqux l-għanijiet oriġinali kollha, progress komprensiv u koordinat kien magħmul. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-riżultati li ntlaħqu fl-ewwel perijodu ta' ħames snin: il-pedamenti għal politika komuni ta' l-asil u l-immigrazzjoni ġew stabbiliti, l-armonizzazzjoni tal-kontrolli tal-frutieri ġiet imħejjija, il-koperazzjoni tal-pulizija ġiet imtejba, u x-xogħol bażiku għal koperazzjoni ġudizzjarja abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u sentenzi ġiet avvanzata sew.

Is-sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri tagħha kisbet urġenza ġdida, b'mod speċjali fid-dawl ta' l-attakki terroristiċi fl-Istati Uniti tal-11 ta' Settembru 2001 u f'Madrid fil-11 ta' Marzu 2004. Iċ-ċittadini ta' l-Ewropa jistennew bir-raġun li l-Unjoni Ewropea, filwaqt li tiggarantixxi rispett għal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali, li tadotta approċċ konġunt iktar effettiv lejn problemi transkonfini bħal migrazzjoni illegali, traffikar fi u dħul klandestin ta' bnedmin, terroriżmu u kriminalità organizzata, kif ukoll il-prevenzjoni tagħhom. Partikolarment fil-qasam tas-sigurtà, il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn id-dimensjoni interna u esterna bdiet tikber fl-importanza u jeħtieġ li tkompli tkun segwita vigorożament.

Ħames snin wara l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Tampere, hu ż-żmien għal aġenda ġdida sabiex l-Unjoni tkun tista' tibni fuq ir-riżultati miksuba u tilħaq b'mod effettiv l-isfidi l-ġodda li ser tħabbat wiċċha magħhom. Għal dan l-għan, il-Kunsill Ewropew adotta dan il-programm pluriennali ġdid li ser ikun magħruf bħala l-Programm ta' l-Aja. Hu jirrifletti l-ambizzjonijiet kif espressi fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u jikkontribwixxi sabiex iħejji lill-Unjoni għad-dħul fis-seħħ tiegħu. Hu jieħu kont ta' l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni¹ kif milqugħa mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2004 kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni adottata mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Ottubru 2004², b'mod partikulari fir-rigward tal-passaġġ għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u kodeċiżjoni kif previst fl-Artikolu 67(2) TKE.

L-għan tal-programm ta' l-Aja hu li jtejjeb il-kapaċità komuni ta' l-Unjoni u l-Istati Membri li jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali, protezzjoni proċedurali minima u aċċess għall-ġustizzja, li jipprovdi protezzjoni skond il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Refuġjati u trattati internazzjonali oħra, li jirregola flussi migratorji u li jikkontrolla l-fruntieri esterni ta' l-Unjoni, li jigġielel il-kriminalità organizzata transkonfini u jrażżan it-theddida ta' terroriżmu, li jikseb il-potenzjal tal-Europol u l-Eurojust, li jmexxi 'l quddiem ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u ċertifikati fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll kriminali, u li jelimina ostakli legali u ġudizzjarji fil-litigazzjoni f'kwistjonijiet ċivili u tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfini. Dan hu għan li għandu jinkiseb fl-interessi taċ-ċittadini tagħna permezz ta' l-iżvilupp ta' Sistema Komuni ta' Asil u billi jitjieb l-aċċess għall-qrati, il-koperazzjoni Prattika tal-pulizija u l-ġudikatura, l-approssimazzjoni tal-liġi u l-iżvilupp ta' linji politiċi komuni.

¹ KUMM (2004) 401 finali

² P6_TA-PROV (2004) 0022 A6-0010/2004

Element prinċipali fil-ġejjieni qarib ser ikun il-prevenzjoni u t-trażżin tat-terroriżmu. Approċċ komuni f'dan il-qasam għandu jkun bbażat fuq il-prinċipju li meta qed tiġi ppreservata s-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont sħiħ tas-sigurtà ta' l-Unjoni fl-intier tagħha. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistoqsi jendorsja f'Diċembru 2004 l-Istrateġija Ewropea għda dwar id-Drogi 2005-2012 li ser tiġi magħduda ma' dan il-programm.

Il-Kunsill Ewropew jikkonsidra li l-proġett komuni ta' tisħiħ taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja huwa vitali biex jiġu żgurati komunitajiet siguri, fiduċja reċiproka u l-istat tad-dritt f'kull parti ta' l-Unjoni. Il-libertà, il-ġustizzja, il-kontroll tal-fruntieri esterni, is-sigurtà interna u l-prevenzjoni tat-terroriżmu għandhom minn hawn 'l quddiem jiġu kkonsidrati bħala indiviżibbli fi ħdan l-Unjoni fl-intier tagħha. Livell ottimali ta' protezzjoni taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jirrikjedi azzjoni pluri-dixxiplinari u konċertata kemm fil-livell ta' l-UE u l-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi, b'mod speċjali l-pulizija, d-dwana u l-gwardja tal-fruntiera.

Fid-dawl ta' dan il-Programm, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill Pjan ta' Azzjoni fl-2005 li fih l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' dan il-programm ser ikunu tradotti f'azzjonijiet konkreti. Il-pjan għandu jkun fih skeda ta' żmien għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kollha. Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Kunsill biex jiżgura li l-iskeda taż-żmien għal kull waħda mill-miżuri varji tiġi osservata. Il-Kummissjoni hi mistiedna biex tippreżenta lill-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Aja ("scoreboard").

II. ORJENTAZZJONIJIET ĠENERALI

1. Prinċipji ġenerali

Il-programm stabbilit hawn taħt ifittex li jwieġeb għall-isfidi u l-aspettattivi taċ-ċittadini tagħna. Hu bbażat fuq approċċ pragmatiku u jibni fuq ħidma attwali li toħroġ mill-programm ta' Tampere, pjanijiet ta' azzjoni attwali u evalwazzjoni ta' miżuri ta' l-ewwel ġenerazzjoni. Hu bbażat ukoll fuq il-prinċipji ġenerali ta' sussidarjetà, proporzjonalità, solidarjetà u rispett għas-sistemi legali u tradizzjonijiet differenti ta' l-Istati Membri.

It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa (minn hawn 'il quddiem "it-Trattat Kostituzzjonali") serva ta' linja gwida għal-livell ta' ambizzjoni, iżda t-Trattati eżistenti jipprovdu l-bażi legali għal azzjoni tal-Kunsill sakemm it-Trattat Kostituzzjonali jidħol b'effett. Għaldaqstant, l-linji politiċi varji ġew eżaminati biex ikun determinat jekk xogħol jew studji ta' tħejjija jistax diġa' jibdwu, sabiex miżuri previsti fit-Trattat Kostituzzjonali jistgħu jittieħdu hekk kif jidħol fis-seħħ.

Drittijiet fundamentali, kif garantiti mil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-Parti II tat-Trattat Kostituzzjonali, inklużi n-noti ta' spjegazzjoni, kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Refuġjati, għandhom ikunu rispettati b'mod sħiħ. Fl-istess ħin, il-programm għandu jagħmel progress veru u sostanzjali lejn it-tisħiħ ta' fiduċja reċiproka u l-promozzjoni ta' linji politiċi komuni għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħna kollha.

2. Protezzjoni ta' drittijiet fundamentali

L-inkorporazzjoni tal-Karta fit-Trattat Kostituzzjonali u l-adeżjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali ser tpoġġi lill-Unjoni, inkluż l-istituzzjonijiet tagħha, taħt obbligu legali biex tiżgura li f'kull qasam ta' attività tagħha, drittijiet fundamentali mhumiex biss rispettati imma ukoll attivament promossi.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew, waqt li jfakkar l-impenn sod tiegħu sabiex jopponi kwalunkwe forma ta' razziżmu, antisemitiżmu u ksenofobija kif espress f'Diċembru 2003, jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-mandat taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija lejn Aġenzija tad-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Implimentazzjoni u evalwazzjoni

Il-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-programm ta' Tampere¹ uriet hteġa ċara ta' implimentazzjoni u evalwazzjoni adegwata u f'waqtha tat-tipi kollha ta' miżuri fil-qasam tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja.

¹ KUMM(2004) 401 finali

Hu vitali għall-Kunsill li jiżviluppa fl-2005 metodi prattiċi biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni f'waqtha fl-oqsma kollha tal-politika: miżuri li jeħtieġu riżorsi ta' l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu akkumpanjati bi pjanijiet proprji biex tiġi żgurata implimentazzjoni iktar effettiva, u t-tul tal-perijodu ta' implimentazzjoni għandu jkun iktar relatat mill-qrib mal-komplessità tal-miżuri konċernati. Rapporti regolari ta' progress mill-Kummissjoni lill-Kunsill matul il-perijodu ta' implimentazzjoni għandhom jipprovdu inċentiv għal azzjoni fl-Istati Membri.

L-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni kif ukoll ta' l-effetti tal-miżuri kollha hi, fl-opinjoni tal-Kunsill Ewropew, essenzjali għall-effettività ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni. L-evalwazzjonijiet li ġie meħud impenn dwarhom mill-1 ta' Lulju 2005 għandhom ikunu sistematiki, oġġettivi, imparzjali u effiċjenti, filwaqt li jevitaw piż amministrattiv kbir wisq fuq l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni. L-għan tagħhom għandu jkun li jindirizzaw il-funzjonament tal-miżura u li jissuġġerixxu soluzzjonijiet għal problemi li jqumu fl-implimentazzjoni u/jew l-applikazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali ta' evalwazzjoni ta' miżuri li għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea hi mistiedna biex tħejji proposti, li għandhom jitressqu hekk kif it-Trattat tal-Kostituzzjoni jidħol fis-seħħ, rigward ir-rwol tal-Parlament Ewropew u parlamenti nazzjonali fl-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Eurojust u l-iskrutinju ta' l-attivitajiet ta' l-Europol.

4. Reviżjoni

Ladarba il-programm ser ikun għaddej għall-perijodu li matulu t-Trattat Kostituzzjonali ser jidħol fis-seħħ, reviżjoni ta' l-implimentazzjoni tiegħu hi kkonsiderata bħala utli. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni hi mistiedna biex tirrapporta sad-dħul fis-seħħ tat-Trattat Kostituzzjonali (1 ta' Novembru 2006) lill-Kunsill Ewropew dwar il-progress magħmul u biex tipproponi ż-żidiet meħtieġa għall-programm, wara li jittieħed kont meħud tal-bażi legali li tinbidel bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

III. ORJENTAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

1. IT-TISĦIĦ TAL-LIBERTÀ

1.1 Ċittadinanza ta' l-Unjoni

Id-dritt taċ-ċittadini kollha ta' l-UE li jiċċaqalqu u jirrisjedu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri hu d-dritt ċentrali taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni. Is-sinifikat prattiku ta' ċittadinanza ta' l-Unjoni ser ikun imsaħħaħ b'implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva 2004/38¹, li tikkodifika l-liġi tal-Komunità f'dan il-qasam u ġġib ċarezza u sempliċità. Il-Kummissjoni hi mistoqsija biex tissottometti fl-2008 rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, akkumpanjat minn proposti, jekk xieraq, biex ċittadini Ewropej jitħallew jiċċaqalqu fl-Unjoni Ewropea fuq termini simili għal dawk ta' ċittadini ta' Stat Membru li jiċċaqalqu jew ibiddlu l-post ta' residenza tagħhom fil-pajjiż tagħhom stess, b'konformità ma' prinċipji stabbiliti tal-liġi tal-Komunità.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, fi ħdan il-qafas tal-kompetenzi tagħhom, biex iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili u jippromovu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' ċittadini fil-ħajja pubblika. B'mod partikulari, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-ġlieda kontra l-anti-semitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija.

1.2 Politika dwar l-asil, il-migrazzjoni u l-fruntieri

Il-migrazzjoni internazzjonali ser tkompli. Approċċ komprensiv, li jinvolvi l-istadji kollha ta' migrazzjoni, dwar il-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni, il-linji poltiċi dwar dħul u ammissjoni u l-linji politiċi dwar integrazzjoni u ritorn, hu meħtieġ.

¹ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt ta' ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalqu u jirresjedu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri li temenda r-Regolament (KEE) Nru. 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE ĠU L 158 tat-30.04.2004, p.77

Biex jiġi żgurat tali approċċ, il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex iwettqu relazzjonijiet kordinati, sodi u effettivi bejn dawk responsabbli għall-linji politiċi tal-migrazzjoni u l-asil u għal dawk responsabbli għal oqsma politiċi oħra rilevanti għal dawn l-oqsma.

L-iżvilupp li għaddej fil-politika Ewropea dwar l-asil u l-migrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq analiżi komuni ta' fenomeni migratorji fl-aspetti kollha tagħhom. It-tiżiħ tal-ġbir, il-proviżjoni, l-iskambju u l-użu effiċjenti ta' informazzjoni aġġornata u *data* dwar l-iżviluppi migratorji rilevanti kollha hu ta' importanza ċentrali.

It-tieni fażi ta' żvilupp ta' politika komuni fil-qasam ta' l-asil, il-migrazzjoni u l-fruntieri bdiet fl-1 ta' Mejju 2004. Għandha tkun ibbażata fuq solidarjetà u qsim ġust ta' responsabbiltà inklużi implikazzjonijiet finanzjarji u koperazzjoni Prattika eqreb bejn l-Istati Membri: għajnuna teknika, taħriġ, u skambju ta' informazzjoni, monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni xierqa jew f'waqtha ta' strumenti kif ukoll armonizzazzjoni ulterjuri ta' leġislazzjoni.

Il-Kunsill Ewropew, filwaqt li jieħu kont ta' l-istima tal-Kummissjoni u l-fehmiet sodi espressi mill-Parlament Ewropew fir-Rakkomandazzjoni tiegħu¹, jitlob lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 67(2) TKE immedjatament wara konsultazzjoni formali mal-Parlament Ewropew u mhux aktar tard mill-1 ta' April 2005 biex japplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 TKE għall-miżuri kollha tat-*Titlu IV* biex tissaħħaħ il-libertà, bla ħsara għat-Trattat ta' Nizza, ħliet għall-migrazzjoni legali

1.3 Sistema Ewropea Komuni ta' l-Asil

L-għanijiet tas-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Asil fit-tieni fażi tagħha ser ikunu l-istabbiliment ta' proċedura komuni ta' l-asil u statut uniformi għal dawk li jingħataw asil jew protezzjoni sussidjarja. Ser tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklussiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Refuġjati u Trattati oħra rilevanti, u tkun mibnija fuq evalwazzjoni bir-reqqa u kompleta ta' l-istrumenti legali li ġew adottati fl-ewwel fażi.

¹ P6_TA-PROV (2004) 0022 A6-0010/2004

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ l-ewwel fażi mingħajr dewmien. F'dan ir-rigward il-Kunsill għandu jadotta b'mod unanimu, b'konformità ma' l-Artikolu 67(5) d-Direttiva dwar il-Proċeduri ta' l-Asil mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni hi mistiedna biex tikkonkludi l-evalwazzjoni ta' l-istrumenti legali ta' l-ewwel fażi fl-2007 u tissottometti l-miżuri u l-istrumenti tat-tieni fażi lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew sabiex jiġu adottati qabel it-tmiem ta' l-2010. F'dan il-qafas, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar l-adeqwatezza, il-possibilitajiet u d-diffikultajiet, kif ukoll l-implikazzjonijiet legali u prattiċi ta' proċessi konġunti ta' applikazzjonijiet għall-asil fl-Unjoni. Barra minn hekk, studju separat, li għandu jitmexxa b'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-UNHCR, għandu jinvestiga l-merti, l-adeqwatezza u l-fattibilità ta' proċessar konġunt ta' applikazzjonijiet għal asil barra t-territorju ta' l-UE, b'mod komplimentari mas-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Asil u b'konformità ma' l-istandards internazzjonali rilevanti.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jistabbilixxu fl-2005 strutturi xierqa li jinvolvu s-servizzi nazzjonali ta' l-asil ta' l-Istati Membri bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata koperazzjoni Prattika u ta' kollaborazzjoni. B'hekk l-Istati Membri ser ikunu mgħejjuna, *inter alia*, biex jiksbu proċedura unika għall-istima ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, u li jikkompilaw, jivverifikaw u japplikaw b'mod konġunt informazzjoni dwar pajjiżi ta' orijini, kif ukoll biex jindirizzaw pressjonijiet partikulari fuq is-sistemi ta' l-asil u l-kapaċitajiet ta' l-qgħ li jirriżultaw, *inter alia*, mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Wara li proċedura ta' asil komuni ġiet stabbilita, dawn l-istrutturi għandhom jiġu trasformati, abbażi ta' evalwazzjoni, f'uffiċju Ewropew ta' sostenn għall-forom kollha ta' koperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' Sistema Komuni Ewropea dwar l-Asil.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istabbiliment ta' Fond Ewropew tar-Refuġjati ġdid għall-perijodu 2005 - 2010 u jisħaq fuq il-bżonn urġenti li l-Istati Membri jżommu sistemi ta' asil u faċilitajiet ta' l-qgħ adegwati fiż-żmien ta' qabel l-istabbiliment ta' proċedura komuni ta' asil. Hu jistieden lill-Kummissjoni biex jassenja fondi komunitarji eżistenti biex jassistu lill-Istati Membri fl-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-asil u fl-ilqgħ ta' kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Hu jistieden lill-Kunsill biex jidentifika dawn il-kategoriji abbażi ta' proposta li għandha tiġi sottomessa mill-Kummissjoni fl-2005.

1.4 Migrazzjoni legali u l-ġlieda kontra impjeg illegali.

Migrazzjoni legali ser ikollha rwol importanti biex issaħħaħ l-ekonomija bbażata fuq it-tagħrif fl-Ewropa, fl-avvanzar ta' l-iżvilupp ekonomiku, u għaldaqstant tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona. Jista' jkollha rwol fi sħubija ma' pajjiżi terzi.

Il-Kunsill Ewropew jisħaq li d-determinazzjoni ta' volumi ta' ammissjonijiet ta' ħaddiema migranti hi kompetenza ta' l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew, wara li jieħu kont tar-riżultat tad-diskussjonijiet fil-*Green Paper* dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema, l-aħjar prattiċi fl-Istati Membri u r-rilevanza tagħha għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona, jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali inklużi l-proċeduri ta' ammissjoni li jistgħu jwieġbu minnufih għat-talbiet li jvarjaw għal ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol qabel l-aħħar ta' l-2005.

Minħabba li l-ekonomija informali u l-impjeg illegali jistgħu jaġixxu ta' fatturi li jiġbdu l-immigrazzjoni illegali u jwasslu għal esplojtazzjoni, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri li jnaqqsu l-ekonomija informali stabbiliti fl-istrateġija Ewropea ta' l-impjeg.

1.5 Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

L-istabbiltà u l-koeżjoni fis-soċjetajiet tagħna jibbenefikaw mill-integrazzjoni b'suċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u d-dixxendenti tagħhom residenti legalment. Biex jintlaħaq dan il-għan, hu essenzjali li jiġu żviluppati linji politiċi effettivi, u li jiġi prevenut l-isolament ta' ċerti gruppi. Approċċ komprensiv li jinvolvi partijiet interessati fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u ta' l-UE hu għaldaqstant essenzjali.

Waqf li jirrikonoxxi l-progress li diġa' sar fir-rigward tat-trattament għal ta' daww iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-UE, il-Kunsill Ewropew isejjaħ għall-ħolqien ta' opportunitajiet uguali biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà. Xkiel għall-integrazzjoni għandu jkun attivament eliminat.

Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-bżonn għal iktar koordinazzjoni tal-linji politiċi ta' integrazzjoni nazzjonali u inizjattivi ta' l-UE f'dan il-qasam. F'dan ir-rigward, il-prinċipji bażiċi komuni li fuqhom ikun ibbażat qafas koerenti Ewropew dwar l-integrazzjoni għandhom ikunu stabbiliti.

Dawn il-prinċipji, li jgħaqqdu l-oqsma tal-linji politiċi kollha relatati ma' l-integrazzjoni, għandhom jinkludu ta' l-inqas l-aspetti segwenti. L-integrazzjoni:

- hi proċess kontinwu miż-żewġ naħat li jinvolvi kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti legali u s-soċjetà li tospita;
- tinkludi, imma tmur lil hinn, minn politika anti-diskriminatorja;
- timplika rispett għall-valuri bażiċi ta' l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;
- teħtieġ kapaċitajiet bażiċi għal parteċipazzjoni fis-soċjetà;
- tiddependi fuq interazzjoni frekwenti u djalogu interkulturali bejn il-membri kollha tas-soċjetà f'fora u attivitajiet komuni sabiex jitjieb il-ftehim reċiproku;
- testendi għall-varjetà ta' oqsma politiċi, inkluż l-impjieg u l-edukazzjoni.

Qafas, ibbażat fuq dawn il-prinċipji bażiċi komuni, għandu jifforma l-pedament għal inizjattivi tal-ġejjieni fl-UE, iserraħ fuq għanijiet u mezzi ta' evalwazzjoni ċari. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri, il-Kunsill, u l-Kummissjoni biex jippromovu l-iskambju strutturali ta' esperjenza u informazzjoni dwar l-integrazzjoni, mogħti sostenn bl-iżvilupp ta' *website* aċċessibbli b'mod wiesa' fuq l-*Internet*.

1.6 Id-dimensjoni esterna ta' l-asil u l-migrazzjoni

1.6.1 Sħubija ma' pajjiżi terzi

L-asil u l-migrazzjoni huma minn-natura tagħhom kwistjonijiet internazzjonali. Il-politika ta' l-UE għandha timmira li tgħin pajjiżi terzi, bi sħubija sħiħa, billi tuża fondi eżistenti tal-Komunità fejn xieraq, fl-isforzi tagħhom biex itejjbu l-kapaċità tagħhom għall-amministrazzjoni tal-migrazzjoni u l-protezzjoni ta' refuġjati, jipprevjenu u jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali, jippromovu mezzi legali għall-migrazzjoni, jirrisolvu sitwazzjonijiet ta' refuġjati billi jipprovdu aċċess aħjar għal soluzzjonijiet dejiema, jibnu kapaċità għall-kontroll tal-fruntieri, itejjbu s-sigurtà ta' dokumenti u jitrattaw il-problema tar-ritorn.

Il-Kunsill Ewropew jagħraf li flussi ta' migrazzjoni li mhumiex amministrati b'mod suffiċjenti jistgħu jirriżultaw f'disastri umanitarji. Jixtieq jesprimi l-ikbar tħassib tiegħu dwar it-traġedji umani li jsejnhu fil-Mediterran bħala riżultat ta' attentati ta' dħul illegali fl-UE. Hu jsejjaħ lill-Istati kollha biex jintensifikaw il-koperazzjoni tagħhom fil-prevenzjoni ta' telf ta' ħajja ulterjuri.

Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex ikomplu l-proċess li jintegra b'mod sħiħ il-migrazzjoni fir-relazzjonijiet eżistenti u tal-ġejjieni ta' l-UE ma' pajjiżi terzi. Hu jistieden lill-Kummissjoni biex tlesti l-integrazzjoni tal-migrazzjoni fid-Dokumenti ta' Strateġija ta' Pajjiż u ta' Reġjun għal kull pajjiż terz rilevanti sar-Rebbiegħa ta' l-2005.

Il-Kunsill Ewropew jagħraf il-hteġa li l-UE tikkontribwixxi fi spirtu ta' responsabbiltà maqsuma għal sistema ta' protezzjoni internazzjonali iktar aċċessibbli, ġusta u effettiva bi sħubija ma' pajjiżi terzi, u li tipprovdi aċċess għal protezzjoni u soluzzjonijiet dejjiema fl-istadju l-iktar kmieni possibbli. Pajjiżi f'reġjuni ta' oriġini u transitu ser ikunu mħeġġa fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-kapaċità għall-protezzjoni ta' refuġjati. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-pajjiżi terzi biex kollha jilqgħu u jaderixxu mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Refuġjati.

1.6.2 Sħubija ma' pajjiżi u reġjuni ta' oriġini

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar titjib ta' aċċess għal-soluzzjonijiet¹ dejjiema u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Programmi ta' Protezzjoni UE-Reġjun bi sħubija mal-pajjiżi terzi konċernati u f'konsultazzjoni u koperazzjoni mill-qrib ma' l-UNHCR. Dawn il-programmi ser jibnu fuq l-esperjenza miksuba fi programmi ta' protezzjoni pilota li ser jibdew qabel it-tmiem ta' l-2005. Dawn il-programmi ser jinkorporaw varjetà ta' strumenti rilevanti, primarjament iffukati fuq l-iżvilupp ta' kapaċitajiet, u jinkludu programm konġunt ta' sistemazzjoni mill-ġdid għall-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw f'programm bħal dan.

¹ KUM (2004) 410 def.

Linji politiċi li jagħqu l-migrazzjoni, il-koperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja għandhom ikunu koerenti u jiġu żviluppati fi sħubija u djalogu ma' pajjiżi u reġjuni ta' oriġini. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress diġà magħmul, jistieden lill-Kunsill biex jiżviluppa dawn il-linji politiċi, b'emfasi partikulari fuq kawżi bażiċi, fatturi li jimbuttaw u t-taffija tal-povertà, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti konkreti u maħduma b'reqqa sar-Rebbiegħa ta' l-2005.

1.6.3. Sħubija ma' pajjiżi u reġjuni ta' transitu

Fir-rigward ta' pajjiżi ta' transitu, il-Kunsill Ewropew jemfasizza l-bżonn għal koperazzjoni intensifikata u bini ta' kapacià, fuq il-fruntieri tan-nofsinar kif ukoll tal-lvant ta' l-EU, biex dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jamministraw aħjar il-migrazzjoni u jipprovdu protezzjoni xierqa għar-refuġjati. Sostenn għall-bini ta' kapacià fis-sistemi nazzjonali ta' l-asil, fil-kontroll tal-fruntieri u f'koperazzjoni iktar wiesa' fuq kwistjonijiet ta' migrazzjoni ser ikun provdut lil dawk il-pajjiżi li juru impenn ġenwin biex iwettqu l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Refuġjati.

Il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi Strument Ewropew dwar Pajjiżi Ġirien u Shubija¹ tipprovdi l-qafas strateġiku biex jiġu intensifikati l-koperazzjoni u d-djalogu dwar l-asil u l-migrazzjoni ma' pajjiżi ġirien fost oħrajn madwar il-baċir tal-Mediterran, u biex jinbdew miżuri ġodda. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jitlob rapport dwar il-progress u r-riżultati qabel it-tmiem ta' l-2005.

1.6.4. Politika ta' ritorn u ammissjoni mill-ġdid

Migranti li ma għandhomx jew ma għandhomx iktar id-dritt li jibqgħu legalment fl-UE għandhom jirritornaw fuq bażi volontarja jew, jekk meħtieġ fuq bażi obligatorja. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ għall-istabbiliment ta' politika ta' tneħħija u ta' ripatrijazzjoni effettiva bbażata fuq standards komuni għal persuni li jiġu ritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità tagħhom.

¹ KUMM (2004) 628 finali

Il-Kunsill Ewropew jikkonsidra bħala essenzjali li l-Kunsill jibda diskussjonijiet kmieni fl-2005 dwar standards minimi ta' proċeduri ta' ritorn li jinkludu standards minimi biex isostnu sforzi ta' tneħħija nazzjonali effettivi. Il-proposta għandha tiegħu kont ukoll ta' l-interessi speċjali fir-rigward ta' tħaris ta' l-ordni pubbliku u s-sigurtà. Approċċ koerenti bejn il-politika ta' ritorn u l-aspetti l-oħra kollha tar-relazzjonijiet esterni tal-Komunità ma' pajjiżi terzi hu meħtieġ kif inhi meħtieġa enfasi speċjali fuq il-problema ta' ċittadini ta' tali pajjiżi terzi li mhumiex fil-pussess ta' passaporti u dokumenti ta' identità oħra.

Il-Kunsill Ewropew isejjaħ għal:

- koperazzjoni iktar mill-qrib u għajnuna teknika reċiproka;
- il-bidu tal-fażi ta' tħejjija ta' fond Ewropew ta' ritorn;
- programmi komuni integrati ta' ritorn speċifiċi għal pajjiżi u reġjuni;
- l-istabbiliment ta' Fond Ewropew ta' Ritorn sa l-2007 li jieħu kont ta' l-evalwazzjoni tal-fażi ta' tħejjija;
- il-konklużjonijiet f'waqthom ta' ftehim tal-Komunità dwar ammissjoni mill-ġdid;
- il-ħatra minnufih mill-Kummissjoni ta' Rappreżentant Speċjali għall-politika komuni ta' ammissjoni mill-ġdid.

1.7 Amministrazzjoni ta' flussi ta' migrazzjoni

1.7.1 Kontrolli mal-fruntieri u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali

Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza ta' l-abolizzjoni bil-ħeffa ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni, l-istabbiliment gradwali ulterjuri tas-sistema ta' amministrazzjoni integrata għal fruntieri esterni u t-tisħiħ ta' kontrolli ma' u s-sorveljanza ta' fruntieri esterni ta' l-Unjoni. F'dan ir-rigward il-bżonn ta' solidarjetà u qsim ġust ta' responsabbiltà li jinkludi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha bejn l-Istati Membri hu enfasiszat.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex l-abolizzjoni ta' kontrolli ma' fruntieri interni tkun tista ssir kemm jista' jkun malajr, sakemm il-ħtiġiet kollha biex jiġi applikat l-acquis ta' Schengen ġew sodifatti u wara li s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) issir operattiva fl-2007. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-acquis tan-non SIS II għandu jibda fl-ewwel nofs ta' l-2006.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali mal-Fruntieri Esterni, fl-1 ta' Mejju 2005. Hu jitlob lill-Kummissjoni biex tissottometti evalwazzjoni ta' l-Aġenzija lill-Kunsill qabel it-tmiem ta' l-2007. L-evalwazzjoni għandu jkollha reviżjoni tal-kompiti ta' l-Aġenzija u stima dwar jekk l-Aġenzija għandhiex tikkonċerna ruħha b'aspetti oħra ta' amministrazzjoni ta' fruntieri, inkluża l-koperazzjoni msaħħa ma' servizzi tad-dwana u awtoritajiet kompetenti oħra għall-kwistjonijiet ta' sigurtà relatati ma' merkanzija.

Il-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni huma komputu ta' l-awtoritajiet tal-fruntieri nazzjonali. Madankollu, sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri bi ħtiġiet speċifiċi għall-kontroll u s-sorveljanza ta' partijiet twal jew diffiċli ta' fruntieri esterni, u fejn l-Istati Membri huma kkonfrontati b'ċirkustanzi speċjali u imprevisti minħabba pressjonijiet migratorji eċċezzjonali fuq dawn il-fruntieri, il-Kunsill Ewropew:

- jistieden lill-Kunsill biex jistabbilixxi gruppi ta' esperti nazzjonali li jistgħu jipprovdu għajjnuna teknika u operazzjonali rapida lill-Istati Membri li jistaqsu għaliha, wara analiżi ta' riskju xierqa mill-Aġenzija għall-Amministrazzjoni tal-Fruntieri u li taġixxi fil-qafas tagħha, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni dwar il-poteri u l-fondi xierqa għal tali gruppi, li għandha tiġi sottomessa fl-2005;
- jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jistabbilixxu fond tal-Komunità għall-amministrazzjoni ta' fruntieri sa l-aħħar ta' l-2006 mill-iktar tard;
- jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti hekk kif l-abolizzjoni ta' kontrolli ma' fruntieri interni ġiet ikkompletata, proposta biex tissupplimenta l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen eżistenti b'mekkaniżmu ta' superviżjoni, li jiżgura rwol għall-esperti ta' l-Istati Membri, u inklużi spezzjonijiet mhux imħabbra.

Ir-reviżjoni tal-kompiti ta' l-Aġenzija previsti hawn fuq u b'mod partikulari l-evalwazzjoni tal-funzjonament tal-gruppi ta' l-esperti nazzjonali għandha tinkludi l-fattibbiltà tal-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntieri.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex itejjbu l-analiżi konġunti tagħhom ta' rotti migratorji u l-prattiċi ta' kutrabandu u traffikar u ta' rettikolati tal-kriminalità attivi f'dan il-qasam, *inter alia* fi ħdan il-qafas ta' l-Aġenzija għall-Amministrazzjoni tal-Fruntieri u b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Europol u l-Eurojust. Hu jagħmel sejħa ukoll lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jiżguraw l-istabbiliment sod ta' rettikolati ta' kollegament dwar immigrazzjoni f'pajjiżi terzi rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattivi mill-Istati Membri għal koperazzjoni fuq il-baħar, fuq bażi volontarja, partikolarment għal operazzjonijiet ta' salvataġġ, skond il-liġi nazzjonali u d-dritt internazzjonali, possibilment inkluda koperazzjoni fil-ġejjieni ma' pajjiżi terzi.

Bil-ħsieb ta' l-iżvilupp ta' standard komuni, l-aħjar prattiċi u mekkaniżmi biex jiġi prevenut u miġġieled it-traffikar tal-bnedmin, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jiżviluppaw pjan fl-2005.

1.7.2 Bijometriċi u sistemi ta' informazzjoni

L-amministrazzjoni ta' flussi migratorji, inkluda l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali għandha tiġi msaħħa bl-istabbiliment ta' miżuri ta' sigurtà kontinwi li effettivament jorbtu proċeduri ta' applikazzjoni għal viża u proċeduri ta' dħul u ħruġ fil-qsim ta' fruntieri esterni. Tali miżuri huma ukoll importanti għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-kriminalità, b'mod partikulari t-terroriżmu. Sabiex jintlaħaq dan, approċċ koerenti u soluzzjonijiet armonizzati fl-UE dwar identifikaturi u *data* bijometriċi huma meħtieġa.

Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill biex jeżamina kif tista' tiġi sfruttata sa l-aħħar l-effettività u l-interoperabilità tas-sistemi ta' informazzjoni ta' l-UE biex tiġi indirizzata l-immigrazzjoni illegali u mtejjba l-kontrolli tal-fruntieri kif ukoll l-amministrazzjoni ta' dawn is-sistemi abbażi ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-interoperabilità bejn is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Viża (VIS) u l-EURODAC li għandhom joħorġu fl-2005, wara li jittieħed kont tal-bżonn li jinħoloq il-bilanċ korrett bejn il-finijiet ta' l-infurzar tal-liġi u t-tħaris tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwi.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ikompli fl-isforzi tagħhom biex jintegraw identifikaturi bijometriċi f'dokumenti ta' vjaġġar, viża, permessi ta' residenza, passaporti ta' ċittadini Ewropej u sistemi ta' informazzjoni mingħajr dewmien u biex iħejju għall-iżvilupp ta' standards minimi għall-karti ta' l-identità nazzjonali, wara li jieħdu kont ta' l-istandards ICAO.

1.7.3 Politika tal-viża

Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa ta' żvilupp ulterjuri tal-politika komuni tal-viża bħala parti mis-sistema multi-stratifikata mmirata lejn l-faċilitazzjoni ta' vjaġġar leġittimu u t-trattament ta' l-immigrazzjoni illegali permezz ta' armonizzazzjoni ulterjuri ta' leġislazzjoni nazzjonali u t-trattament ta' prattiċi fil-missjonijiet konsulari lokali. Uffiċċji komuni tal-viża għandhom jiġu stabbiliti fil-perijodu fit-tul, wara li jittieħed kont tad-diskussjonijiet dwar l-istabbiliment ta' Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattivi mill-Istati Membri individwali li, fuq bażi volontarja, jikkoperaw fil-qsim ta' persunal u mezzi għall-ħruġ ta' viżi.

Il-Kunsill Ewropew:

- jistieden lill-Kummissjoni, bħala l-ewwel pass, biex tipproponi l-emendi meħtieġa biex ittejjeb iktar il-linji politiċi tal-viża u tissottometti fl-2005 proposta dwar l-istabbiliment ta' ċentri ta' applikazzjoni komuni li jiffukaw inter alia fuq sinerġiji possibbli marbutin ma' l-iżvilupp tal-VIS, biex tirrevedi l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u tressaq il-proposta xierqa sa kmieni l-2006 mill-iktar tard;
- jisħaq l-importanza ta' implimentazzjoni mħaffa tal-VIS li tibda bl-inkorporazzjoni fost l-oħrajn ta' *data* alfanumerika u ritratti sa l-aħħar ta' l-2006 u bijometrika sa l-aħħar ta' l-2007 mill-iktar tard;
- jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti mingħajr dewmien il-proposta meħtieġa sabiex tikkonforma maż-żmien miftiehem għall-implimentazzjoni tal-VIS;
- jagħmel sejħa lill-Kummissjoni biex tkompli fl-isforzi tagħha biex tiżgura li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kollha jistgħu jivvjaġġaw mingħajr viża għal waqfa qasira lejn il-pajjiżi terzi kollha li ċ-ċittadini tagħhom jistgħu jivvjaġġaw lejn l-UE mingħajr viża mill-iktar fis possibbli;

- jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jeżaminaw, sabiex jiġi żviluppat approċċ komuni, jekk fil-kuntest tal-politika ta' ammissjoni mill-ġdid tal-KE ikunx opportun li jiġi iffaċilitat, kull każ għalih, il-ħruġ ta' viża għal waqfa qasira lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn possibbli u abbażi ta' reċiproċità, bħala parti ta' sħubija reali fir-relazzjonijiet esterni, inklużi kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni.

2. IT-TISHIH TAS-SIGURTÀ

2.1 Titjib ta' l-iskambju ta' informazzjoni

Il-Kunsill Ewropew hu konvint li t-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jeħtieġ approċċ innovattiv għall-iskambju transkonfini ta' informazzjoni ta' infurzar tal-liġi. Is-sempliċi fatt li informazzjoni taqsam fruntieri ma għandhiex tkun iktar rilevanti.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2008 l-iskambju ta' tali informazzjoni għandu jkun iggvernat minn kondizzjonijiet stabbiliti hawn taħt fir-rigward tal-prinċipju ta' disponnibbiltà, li jfisser li, tul l-Unjoni, uffiċjal ta' l-infurzar tal-liġi fi Stat Membru wieħed li għandu bżonn informazzjoni sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu jista' jiksibha minn Stat Membru ieħor u li l-aġenzija ta' l-infurzar tal-liġi fl-Istat Membru l-ieħor li għandha din l-informazzjoni għandha tagħmilha aċċessibbli għall-fini imsemmi, waqt li tiegħu kont tal-ħtieġa ta' l-investigazzjonijiet għaddejjin f'dak l-Istat.

Mingħajr preġudizzju għax-xogħol li hu għaddej¹ il-Kummissjoni hi mistiedna tissottometti proposti sa l-aħħar ta' l-2005 mill-iktar tard għal implimentazzjoni tal-prinċipju ta' disponnibbiltà, li fih dawn il-kondizzjonijiet ċentrali għandhom ikunu strettament osservati:

- l-iskambju jista' jseħħ biss sabiex ikunu jistgħu jitwettqu kompiti legali;
- l-integrità tad-*data* li għandha tiġi skambjata għandha tiġi garantita;
- il-ħtieġa li jiġu protetti fonti ta' informazzjoni u li tiġi assicurata l-konfidenzjalità tad-*data* fl-istadju kollha ta' l-iskambju, u sussegwentement;

¹ L-Abbozz ta' deċiżjoni kwadru dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u tagħrif sigriet bejn awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari rigward reati serji inklużi l-atti terroristiċi, dok. KUMM (2004) 221 finali.

- standards komuni ta' aċċess għad-*data* u standards tekniċi komuni għandhom jiġu applikati;
- sorveljanza tar-rispett ta' protezzjoni tad-*data*, u kontroll xieraq qabel u wara l-iskambju għandu jiġi żgurat;
- individwi għandhom ikunu protetti mill-abbuż ta' *data* u għandhom id-dritt li jfittxu korrezzjoni ta' *data* inkorretta.

Il-metodi ta' l-iskambju ta' informazzjoni għandhom jagħmlu użu sħiħ ta' teknoloġija ġdida u għandhom ikunu adattati għal kull tip ta' informazzjoni, fejn xieraq, permezz ta' aċċess reċiproku jew l-interoperabilità ta' *databases* nazzjonali, jew aċċess dirett (*on-line*), inkluż għall-Europol, għal *databases* eżistenti ċentrali ta' l-UE bħal ma hi s-SIS. *Databases* Ewropej ġodda u ċentralizzati għandhom jiġu maħluqa biss abbażi ta' studji li wrew il-valur miżjud tagħhom.

2.2 Terroriżmu

Il-Kunsill Ewropew jisħaq li l-prevenzjoni u l-ġlieda effettiva tat-terroriżmu b'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali jeħtieġ li l-Istati Membri ma jillimitawx l-attivitajiet tagħhom għaż-żamma tas-sigurtà tagħhom stess, imma li jiffokaw ukoll fuq is-sigurtà ta' l-Unjoni fl-intier tagħha.

Bħala għan dan ifisser li l-Istati Membri:

- jużaw il-poteri tas-servizzi sigrieti u tas-sigurtà tagħhom mhux biss biex jiġġieldu t-theddid għas-sigurtà tagħhom, imma ukoll, kif jista' jkun il-każ, biex jiproteġu s-sigurtà interna ta' l-Istati Membri l-oħra;
- jgħarrfu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri oħra dwar kwalunkwe informazzjoni disponibbli lis-servizzi tagħhom li tikkonċerna theddid għas-sigurtà interna ta' dawn l-Istati Membri l-oħra;
- f'każijiet fejn persuni jew merkanzija huma taħt sorveljanza tas-servizzi tas-sigurtà f'konnessjoni ma' theddid terroristiku, l-ebda distakk ma għandu jseħħ fis-sorveljanza tagħhom bħala riżultat tal-qsim tagħhom ta' fruntiera.

Fil-perijodu qasir l-elementi kollha tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2004 u l-pjan ta' azzjoni ta' l-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu għandhom jibqgħu jiġu implimentati fis-siġħ, partikolarment l-użu msafhaħ ta' l-Europol u l-Eurojust għandhom isiru u l-Kordinatur ta' l-UE ta' Kontra t-Terroriżmu hu mħeġġeġ biex jippromovi progress.

F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew ifakkar l-istedina lill-Kummissjoni biex tressaq 'il quddiem proposta għal approċċ komuni ta' l-UE għall-użu ta' *data* ta' passiġġieri għas-sigurtà tal-fruntieri u l-avjazzjoni u finijiet oħra ta' l-infurzar tal-liġi¹.

Il-livell għoli ta' skambju ta' informazzjoni bejn is-servizzi ta' sigurtà għandu jinżamm. Madankollu għandu jiġi mtejjeb, wara li jittieħed kont tal-prinċipju ġenerali ta' disponibbiltà kif deskritt hawn fuq fil-paragrafu 2.1 u b'konsiderazzjoni partikulari mogħtija għaċ-ċirkostanzi speċjali li japplikaw għall-metodi ta' ħidma tas-servizzi ta' sigurtà, eż. il-ħtieġa li jkunu assicurati il-metodi ta' ġbir ta' informazzjoni, il-fonti ta' informazzjoni u l-kunfidenzjalità kontinwa tad-*data* wara l-iskambju.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2005, is-SitCen ser jipprovdi lill-Kunsill b'analiżi strateġika tat-theddid tat-terroriżmu ibbażata fuq tagħrif sigriet mis-servizzi ta' tagħrif sigriet u ta' sigurtà ta' l-Istati Membri u, fejn xieraq, fuq informazzjoni pprovduta mill-Europol.

Il-Kunsill Ewropew jisħaq l-importanza ta' miżuri li jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu. Jistenna bil-ħerqa li jeżamina l-approċċ ġenerali koerenti li ser jiġi sottomess lilu mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2004. Din l-istrateġija għandha tissuġġerixxi modi biex titjeb l-effiċjenza ta' strumenti eżistenti bħal ma huma l-monitoraġġ ta' flussi finanzjarji suspettużi u l-iffriżar ta' assi u tipproponi għodod ġodda fir-rigward ta' transazzjonijiet ta' flus kontanti u l-istituzzjonijiet involuti fihom

Il-Kummissjoni hi mistiedna tagħmel proposti mmirati lejn it-titjib tas-sigurtà tal-ħażna u t-trasport ta' splussivi kif ukoll biex jiżguraw it-traċċabilità ta' prekursori industrijali u kimiċi.

¹ Dikjarazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra it-terroriżmu fil-25 ta' Marzu 2004, dok. 7906/04, punt 6.

Il-Kunsill Ewropew jisħaq ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati protezzjoni u għajjnuna xierqa għall-vittmi tat-terroriżmu.

Il-Kunsill għandu, sa l-aħħar ta' l-2005, jiżviluppa strateġija għall-perijodu fit-tul biex jindirizza l-fatturi li jikkontribwixxu għar-radikaliżmu u r-reklutaġġ għal attivitajiet terroristiċi.

L-istrumenti kollha disponibbli għall-Unjoni Ewropea għandhom ikunu użati b'mod konsistenti sabiex l-interess ċentrali - il-ġlieda kontra t-terroriżmu - hi indirizzata b'mod sħiħ. Għal dak l-għan il-Ministri ta' ĠAI fil-Kunsill għandu jkollhom ir-rwol prinċipali, wara li jittieħed kont tal-kompitu tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-leġislazzjoni Komunitarja fi żmien suffiċjenti biex tkun tista' tadattha b'mod parallel ma' miżuri li ser jiġu adottati sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu.

L-Unjoni Ewropea ser issaħħaħ iktar l-isforzi tagħha diretti, fid-dimensjoni esterna taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, lejn il-ġlieda kontra t-terroriżmu. F'dan il-kontest, il-Kunsill hu mistieden biex jistabbilixxi flimkien ma' l-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Fruntieri rettikolat ta' esperti nazzjonali dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u dwar il-kontroll tal-fruntieri, li ser ikunu disponibbli biex jwieġbu għal talbiet minn pajjiżi terzi għal għajjnuna teknika fit-taħriġ u l-istruzzjoni ta' l-awtoritajiet tagħhom.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżid il-fondi għall-proġetti ta' żvilupp ta' kapacià kontra t-terroriżmu - proġetti ta' bini f'pajjiżi terzi u biex tiżgura li għandha l-esperjenza meħtieġa biex timplimenta proġetti bħal dawn b'mod effettiv. Il-Kunsill jagħmel sejħa ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li, fir-reviżjoni proposta ta' l-istrumenti eżistenti li jiggvernaw l-għajjnuna esterna, disposizzjonijiet xierqa jiġu magħmula biex jippermettu għajjnuna rapida, flessibbli u mmirata kontra t-terroriżmu.

2.3 Koperazzjoni tal-pulizija

Il-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata transkonfini u kriminalità serja oħra u t-terroriżmu jeħtieġu koperazzjoni Prattika intensifikata bejn il-pulizija u l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri u ma' l-Europol u użu aħjar ta' strumenti eżistenti f'dan il-qasam.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmluha possibbli għall-Europol f'koperazzjoni ma' l-Eurojust li jkollhom rwol ċentrali fil-ġlieda kontra kriminalità serja (organizzata) transkonfini u t-terroriżmu billi:

- jirratifikaw u jimplimentaw b'mod effettiv l-istrumenti legali meħtieġa sa' l-aħħar ta' l-2004¹;
- jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa u ta' kwalità għolja lill-Europol fi żmien xieraq;
- jinkoraġġixxu koperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħhom u l-Europol.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2006, l-Europol għandha tkun issostitwiet "ir-rapporti tas-sitwazzjoni tal-kriminalità" tagħha bi "stimuli ta' theddid" annwali dwar forom serji ta' kriminalità organizzata, ibbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u l-kontribut mill-Eurojust u t-*Taskforce* tal-Kapijiet tal-Pulizija. Il-Kunsill għandu juża dawn l-analiżi biex jistabbilixxi prioritajiet strateġiċi annwali, li ser iservu bħala linji gwida għal azzjoni ulterjuri. Dan għandu jkun il-pass li jmiss lejn l-għan li tiġi stabbilita u implimentata metodoloġija għall-infurzar tal-liġi bbażata fuq tagħrif sigriet fuq il-livell ta' l-EU.

L-Europol għandha tiġi magħżula mill-Istati Membri bħala l-uffiċċju ċentrali ta' l-Unjoni kontra l-kontraffazzjoni ta' l-euro fis-sens tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1929.

Il-Kunsill għandu jadotta l-liġi Ewropea dwar il-Europol, prevista fl-Artikolu III-276 tat-Trattat Kostituzzjonali, mill-iktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat Kostituzzjonali u mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2008, u jieħu kont tal-kompiti kollha konferiti lill-Europol.

Sa dak iż-żmien, l-Europol għandha ttejjeb il-funzjonament tagħha billi tagħmel użu sħiħ mill-ftehim ta' koperazzjoni ma' l-Eurojust. L-Europol u l-Eurojust għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kunsill dwar l-esperjenzi komuni tagħhom u dwar riżultati speċifiċi. Barra minn hekk l-Europol u l-Eurojust għandhom iħeġġu l-użu ta' u l-parteċipazzjoni tagħhom fi gruppi ta' investigazzjoni konġunti ta' l-Istati Membri.

¹ Il-Protokoll ta' l-Europol: il-Protokoll li jemenda l-Artikolu 2 u l-Anness għall-Konvenzjoni ta' l-Europol tat-30 ta' Novembru 2000, ĠU C 358 13.12.00, p. 1, il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Europol, il-membri ta' l-organi tagħha, il-Viċi Diretturi u l-membri tagħha tat-28 ta' Novembru 2002 ĠU C 312 16.12.2002 p. 1 u l-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni ta' l-Europol tas-27 ta' Novembru 2003, ĠU C 26.1.2004. Il-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar l-għajnuna reċiproka f'kwistjonijiet ta' kriminalità bejn l-Istati Membri, ĠU C 197, 12.7.00, p.1 u l-Protokoll li jakkumpanjawha tas-16 ta' Ottubru 2001 ĠU C 326, 21.11.01, p.2 u d-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/ĠAI tat-13 ta' Ġunju dwar Gruppi ta' Investigazzjoni Konġunti, ĠU L 162, 20.6.02, p. 1.

L-esperjenza fl-Istati Membri ta' l-użu ta' gruppi konġunti ta' investigazzjoni hi limitata. Sabiex jiġi mhegġegħ l-użu ta' gruppi bħal dawn u l-iskambju ta' esperjenzi dwar l-aħjar prattika, kull Stat Membru għandu jagħżel espert nazzjonali.

Il-Kunsill għandu jiżviluppa koperazzjoni transkonfini tal-pulizija u d-dwana abbażi ta' prinċipji komuni. Hu jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti biex tiżviluppa iktar l-acquis ta' Schengen fir-rigward ta' koperazzjoni operazzjonali transkonfini tal-pulizija.

L-Istati Membri għandhom jinpenjaw ruħhom biex itejjbu l-kwalità tad-*data* ta' l-infurzar tal-liġi tagħhom bl-għajnuna ta' l-Europol. Barra minn hekk, l-Europol għandha tagħti parir lill-Kunsill dwar mezzi ta' titjib tad-*data*. Is-sistema ta' informazzjoni tal-Europol għandha tiffunzjona mingħajr dewmien.

Il-Kunsill hu mistieden ihegġegħ l-iskambju ta' l-aħjar prattika dwar tekniċi investigattivi bħala l-ewwel pass għall-iżvilupp ta' tekniċi investigattivi komuni, previsti fl-Artikolu III-257 tat-Trattat Kostituzzjonali, b'mod partikulari fl-oqsma ta' l-investigazzjonijiet tal-forensika u s-sigurtà ta' l-informatika.

Il-koperazzjoni tal-Pulizija bejn l-Istati Membri hi magħmula iktar effiċjenti u effettiva f'numru ta' każijiet billi tiġi iffaċilitata koperazzjoni fuq temi speċifiċi bejn l-Istati Membri konċernati, fejn xieraq billi jiġu stabbiliti gruppi ta' investigazzjoni konġunti u, fejn meħtieġ, mogħtija sostenn mill-Europol u l-Eurojust. F'żoni speċifiċi fuq il-fruntiera, koperazzjoni iktar mill-qrib u koordinazzjoni aħjar huma l-uniċi mezzi għat-trattament tal-kriminalità u t-theddid għas-sigurtà pubblika u s-sigurtà nazzjonali.

It-tisħiħ tal-koperazzjoni tal-pulizija jeħtieġ attenzjoni ffukata fuq fiduċja reċiproka u bini ta' fiduċja. F'Unjoni Ewropea mkabbra, sforz espliċitu għandu jsir biex jitjieb il-fehim ta' kif jaħdmu s-sistemi legali u l-organizzazzjonijiet ta' l-Istati Membri. Il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw sa' l-aħħar ta' l-2005 f'koperazzjoni ma' l-istandards ta' CEPOL u l-moduli ta' korsijiet ta' taħriġ għall-uffiċċjali tal-pulizija nazzjonali fir-rigward ta' aspetti prattiċi tal-koperazzjoni fl-infurzar tal-liġi ta' l-UE.

Il-Kummissjoni hi mistiedna biex tiżviluppa koperazzjoni mill-qrib ma' l-CEPOL u sa l-aħħar ta' l-2005, programmi sistematiċi ta' skambju għall-awtoritajiet tal-pulizija mmirati biex jintlaħaq fehim aħjar ta' kif jaħdmu s-sistemi legali u l-organizzazzjonijiet ta' l-Istati Membri.

Fl-aħħar għandu jittieħed kont ukoll ta' l-esperjenza ma' operazzjonijiet esterni tal-pulizija sabiex tiġi mtejjba s-sigurtà interna ta' l-Unjoni Ewropea.

2.4 Maniġġar ta' kriżijiet fl-Unjoni Ewropea b'effetti transkonfini

Fit-12 ta' Diċembru 2003 il-Kunsill Ewropew adotta l-istrategġija Ewropea ta' sigurtà, li tfisser l-isfidi globali, theddid ċentrali, għanijiet strateġiċi u implikazzjonijiet ta' politika għal Ewropa sigura f'dinja aħjar. Kumpliment essenzjali ta' dan hu li tiġi provduta sigurtà interna fl-Unjoni Ewropea, b'referenza partikulari għall-kriżijiet kbar interni possibbli b'effetti transkonfini li jaffetwaw iċ-ċittadini tagħna, l-infrastruttura vitali u l-ordni pubbliku u s-sigurtà.... Wara dan biss tkun tista tingħata l-aqwa protezzjoni għaċ-ċittadini Ewropej u l-infrastruttura vitali per eżempju fil-każ ta', aċċident CBRN.

Amministrazzjoni effettiva ta' kriżijiet transkonfini fi ħdan l-UE teħtieġ mhux biss tisħiħ ta' azzjonijiet attwali ta' protezzjoni ċivili u infrastruttura vitali imma ukoll l-indirizzar effettiv ta' l-ordni pubbliku u l-aspetti ta' sigurtà ftali kriżijiet u koordinazzjoni bejn dawn l-oqsma.

Għaldaqstant il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jistabbilixxu fi ħdan l-istrutturi eżistenti tagħhom, waqt li jirrispettaw b'mod sħiħ il-kompetenzi nazzjonali, arranġamenti integrati u koordinati tal-maniġġar ta' kriżijiet ta' l-UE għall-kriżijiet b'effetti transkonfini fl-UE, li għandhom jiġu implimentati sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 2006. Dawn l-arranġamenti għandhom ta' l-inqas jindirizzaw l-kwistjonijiet li ġejjin: stima oħra tal-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri, kumulu ta' stokk, taħriġ, eżerċizzji konġunti u pjanijiet operazzjonali għal maniġġar ta' kriżijiet ċivili

2.5 Koperazzjoni operazzjonali

Koordinazzjoni ta' attivitajiet operazzjonali minn aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi u aġenziji oħra f'kull parti taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-monitoraġġ ta' prioritajiet strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill, għandha tiġi żgurata.

Għal dak l-għan, il-Kunsill hu mistieden biex jħejji għall-istabbiliment tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Interna, previst fl-Artikolu III-261 tat-Trattat Kostituzzjonali, b'mod partikulari billi jiddetermina il-qasam ta' l-attività, il-kompiti, il-kompetenzi u l-komposizzjoni tiegħu, sabiex jiġi stabbilit malajr kemm jista' jkun wara li t-Trattat Kostituzzjonali jkun daħal fis-seħħ.

Sabiex jikseb esperjenza Prattika fil-koordinazzjoni sadanittant, il-Kunsill hu mistieden jorganizza laqgħa konġunta kull sitt xhur bejn il-Presidenti tal-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) u l-Kumitat ta' l-Artikolu 36 (CATS) u rappreżentanti tal-Kummissjoni, l-Europol, l-Eurojust, l-EBA, it-*Taskforce* tal-Kapijiet tal-Pulizija, u s-SitCEN.

2.6 Prevenzjoni tal-Kriminalità

Il-prevenzjoni tal-kriminalità hi parti indispensabbli tax-xogħol biex tinholq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-Unjoni għaldaqstant teħtieġ għodda effettiva biex tagħti sostenn lill-isforzi ta' l-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-kriminalità. Għal dak l-għan, ir-Rettikolat Ewropew tal-Prevenzjoni tal-Kriminalità għandu jiġi professjonalizzat u msaħħa. Billi l-għan tal-prevenzjoni hu wiesgħa ħafna, hu essenzjali li jiġi ffokat fuq miżuri u prioritajiet li huma ta' l-iktar benefiċċju għall-Istati Membri. Ir-Rettikolat Ewropew tal-Prevenzjoni tal-Kriminalità għandu jipprovdi l-kompetenzi u t-tagħrif lill-Kunsill u l-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' linji politiċi ta' prevenzjoni tal-kriminalità.

F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi strumenti Ewropej għall-ġbir, l-analiżi u l-paragun ta' informazzjoni dwar il-kriminalità u l-vittimizzazzjoni u x-xejriet rispettivi tagħhom fl-Istati Membri, billi tuża statistiċi nazzjonali u fonti oħra ta' informazzjoni bħala indikaturi miftelma. L-Eurostat għandu jingħata l-kompitu tat-tifsir ta' tali *data* u l-ġbir tagħha mill-Istati Membri.

Hu importanti li organizzazzjonijiet pubbliċi u kumpaniji privati jiġu protetti mill-kriminalità organizzata permezz ta' miżuri amministrattivi u oħrajn. Attenzjoni partikulari għandha tingħata lill-investigazzjonijiet sistematiċi ta' pussess ta' proprjetajiet bħala għodda għall-għieda kontra l-kriminalità organizzata. Is-sħubija privata/pubblika hi għodda essenzjali. Il-Kummissjoni hi mistiedna biex tippreżenta proposti għal dan l-għan fl-2006.

2.7. Kriminalità organizzata u korruzzjoni

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iżvilupp ta' kunċett strateġiku fir-rigward tat-trattament ta' kriminalità organizzata transkonfini fil-livell ta' l-UE u jistaqsi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw dan il-kunċett iktar u jagħmluh operazzjonali, flimkien ma' sħab oħra bħall-Europol, l-Eurojust, it-*Task Force* tal-Kapijiet tal-Pulizija, l-EUCPN u l-CEPOL. F'dan ir-rigward, kwistjonijiet relatati mal-korruzzjoni u r-rabtiet tagħha mal-kriminalità organizzat għandhom jiġu eżaminati.

2.8 Strateġija Ewropea dwar id-drogi

Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza ta' l-indirizzar tal-problema tad-drogi b'approċċ komprensiv, bilanċat u multidixxiplinarju bejn il-politika ta' prevenzjoni, għajjuna u riabilitazzjoni ta' dipendenza mid-drogi, il-politika tal-għieda kontra t-traffikar illegali tad-drogi u l-prekursuri u l-*laundering* ta' flus, u t-tisħiħ ta' koperazzjoni internazzjonali.

L-Istrateġija Ewropea dwar id-Drogi 2005-2012 għandha tiżdied mal-programm wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2004.

3. **IT-TISĦIĦ TAL-ĠUSTIZZJA**

Il-Kunsill Ewropew jisħaq il-ħtieġa biex tiġi msaħħa iżjed il-ħidma għall-ħolqien ta' Ewropa għaċ-ċittadini u r-rwol essenzjali li l-istabbiliment ta' Żona Ewropea għal Ġustizzja ser ikollha f'dan ir-rigward. Numru ta' miżuri diġà ġew imwettqa. Sforzi ulterjuri għandhom isiru biex jiġi ffaċilitat aċċess għal ġustizzja u koperazzjoni ġudizzjarja kif ukoll l-impjieġ sħiħ ta' rikonoxximent reċiproku. Hu ta' importanza partikulari li l-fruntieri bejn pajjiżi fl-Ewropa ma għadhomx jikkostitwixxu xkiel għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' liġi ċivili jew il-bidu ta' proċedimenti tal-qorti u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili.

3.1 Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fiż-żona relattivament ġdida ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u hu sodisfatt li t-Trattat Kostituzzjonali jżid bil-kbir is-setgħat tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'dak il-qasam.

Biex jiġi żgurat, kemm għaċ-ċittadini Ewropej kif ukoll għall-funzjonament taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li l-kwistjonijiet dwar punti ta' liġi miġjuba quddiem il-Qorti jirċievu tweġiba malajr, hu meħtieġ li l-Qorti tkun tista' twieġeb malajr kif meħtieġ mill-Artikolu III-369 tat-Trattat Kostituzzjonali.

F'dan il-kuntest u bil-prospett tat-Trattat Kostituzzjonali, għandu jingħata ħsieb għall-istabbiliment ta' soluzzjoni għat-trattament mħaffef u xieraq ta' talbiet għal sentenzi preliminari li jikkonċernaw iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fejn xieraq, billi jiġi emendat l-Istatut tal-Qorti. Il-Kummissjoni hi mistiedna biex tressaq - wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja - proposta għal dak il-għan.

3.2 Bini ta' fiduċja u fiduċja reċiproka

Koperazzjoni ġudizzjarja kemm fi kwistjonijiet kriminali kif ukoll ċivili tista' tiġi msaħħa iktar bit-tisħiħ ta' fiduċja reċiproka u bl-iżvilupp progressiv ta' kultura ġudizzjarja Ewropea bbażata fuq id-diversità tas-sistemi legali ta' l-Istati Membri u l-unità permezz ta' liġi Ewropea. F'Unjoni Ewropea mkabbra, il-fiduċja reċiproka għandha tkun ibbażata fuq iċ-ċertezza li ċ-ċittadini Ewropej kollha għandhom aċċess għal sistema ġudizzjarja li tilħaq standards għolja ta' kwalità. Sabiex tkun iffaċilitata implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, sistema li tipprovdi għall-evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali ta' l-implimentazzjoni ta' linji politiċi ta' l-UE fil-qasam tal-ġustizzja, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ l-indipendenza tal-ġudikatura u konsistenti mal-mekkaniżmi Ewropej eżistenti kollha, trid tiġi stabbilita.

It-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka teħtieġ sforz espliċitu biex jissaħħaħ il-fehim reċiproku fost awtoritajiet ġudizzjarji u sistemi legali differenti. F'dan ir-rigward, ir-rettikolati ta' organizzazzjonijiet ġudizzjarji u istituzzjonijiet, bħal ma huma r-rettikolat tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, ir-Rettikolat Ewropew tal-Qrati Supremi u r-Rettikolat Ġuridiku Ewropew tat-Taħriġ li għandhom jiġu sostenuti mill-Unjoni.

Programmi ta' skambu għal awtoritajiet ġudizzjarji ser jiffaċilitaw il-koperazzjoni u jgħinu l-iżvilupp ta' fiduċja reċiproka. Komponent ta' l-UE għandu jiġi nkluż b'mod sistematiku fit-taħriġ ta' l-awtoritajiet ġudizzjali. Il-Kummissjoni hi mistiedna tħejji malajr kemm jista' jkun proposta li timmira lejn il-ħolqien, mill-istrutturi eżistenti, ta' rettikolat Ewropew ta' taħriġ effettiv għall-awtoritajiet ġudizzjarji għall-kwistjonijiet kemm ċivili u kif ukoll kriminali, kif previst fl-Artikoli III-269 u III-270 tat-Trattat Kostituzzjonali.

3.3 Koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali

Titjib għandu jseħħ permezz ta' tnaqqis ta' l-ixkiel legali eżistenti u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet. Bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza ta' prosekuzzjonijiet, filwaqt li tiġi garantita l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, attenzjoni partikulari għandha tingħata lill-possibbiltajiet tal-konċentrazzjoni tal-prosekuzzjoni f'każijiet multilaterali transkonfini fi Stat Membru wieħed. Iktar żvilupp ta' koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali hu essenzjali għal segwitu xieraq ta' l-investigazzjonijiet ta' l-awtoritajiet tal-ħarsien tal-liġi ta' l-Istati Membri u l-Europol.

Il-Kunsill Ewropew ifakkar f'dan il-kuntest il-ħtieġa li jiġu ratifikati u implimentati b'mod effettiv - mingħajr dewmien - l-istrumenti legali biex tittejjeb l-koperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet kriminali, kif imsemmija diġà fil-paragrafu dwar il-koperazzjoni tal-pulizija.

3.3.1 Rikonoxximent reċiproku

Il-programm komprensiv ta' miżuri li jimplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li jinkludi deċiżjonijiet ġudizzjarji fil-fażijiet kollha ta' proċeduri kriminali jew b'mod ieħor rilevanti għal tali proċeduri, bħal ma hu l-ġbir u l-ammissibbiltà ta' l-evidenza, kunflitti ta' ġurisdizzjoni u l-prinċipju *ne bis in idem* u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi finali ta' priġunerija jew sanzjonijiet oħra (alternattivi)¹, għandhom jiġu kompletati u għandha tingħata iktar attenzjoni lill-proposti addizzjonali f'dak il-kuntest.

¹ ĠU C 12, 15.1.2001, paġni 10-22.

Il-kisba ulterjuri ta' rikonoxximent reċiproku bħala l-pedament tal-koperazzjoni ġudizzjarja jimplika l-iżvilupp ta' standards ekwivalenti għal drittijiet ta' proċedura fi proċedimenti kriminali, bbażati fuq studji ta' livelli eżistenti ta' protezzjoni fl-Istati Membri u bir-rispett dovut lejn it-tradizzjonijiet legali tagħhom. F'dan il-kuntest, l-abbozz tad-Deċiżjoni Kwadru dwar ċerti drittijiet ta' proċedura fi proċedimenti legali tul l-Unjoni Ewropea għandu jiġi adottat sa' l-aħħar ta' l-2005.

Il-Kunsill għandu jadotta sa l-aħħar ta' l-2005 id-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat Ewropew ta' l-Evidenza¹. Il-Kummissjoni hi mistiedna tippreżenta l-proposti tagħha dwar it-tisħiħ ta' l-iskambju ta' informazzjoni minn rekords nazzjonali ta' kundanni u skwalifiki, b'mod partikulari ta' delinkwenti sesswali, sa Diċembru 2004 sabiex tiġi adottata mill-Kunsill sa l-aħħar ta' l-2005. Din għandha tiġi segwita f'Marzu 2005 bi proposta ulterjuri dwar sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni.

3.3.2 Approssimazzjoni ta' liġi

Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-istabbiliment ta' regoli minimi li jikkonċernaw aspetti ta' liġi proċedurali hu previst mit-trattati sabiex jiġu faċilitati r-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-koperazzjoni tal-pulizija u tal-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali ta' dimensjoni transkonfini. L-approssimazzjoni ta' l-liġi kriminali sostantiva sservi l-istess għanijiet u tikkonċerna oqsma ta' kriminalità partikolarment serji b'dimensjonijiet transkonfini. Priorità għandha tingħata lill-oqsma ta' kriminalità li huma speċifikament imsemmija fit-trattati.

Biex tiġi żgurata implimentazzjoni iktar effettiva fis-sistemi nazzjonali, il-Ministri tal-ĠAI għandhom ikunu responsabbli fi ħdan il-Kunsill biex jiddefinixxu reati kriminali u jiddeterminaw il-pieni b'mod ġenerali.

3.3.3 L-Eurojust

Il-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata transkonfini u kriminalità oħra serja u t-terroriżmu teħtieġ il-koperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u, fejn possibbli, prosekuzzjonijiet konċentrati mill-Eurojust, f'koperazzjoni ma' l-Europol.

¹ KUMM(2003) 688.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmluha possibbli għall-Eurojust biex twettaq il-kompiti tagħha billi:

- jimplimentaw b'mod effettiv id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust sa l-aħħar ta' l-2004¹ b'attenzjoni speċjali għas-setgħat ġudizzjarji li huma konferiti fuq il-membri nazzjonali tagħhom; u
- jiżguraw koperazzjoni sħiħa bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom u l-Eurojust.

Il-Kunsill għandu jadotta abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni l-liġi Ewropea dwar l-Eurojust, prevista fl-Artikolu III-273 tat-Trattat Kostituzzjonali, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat Kostituzzjonali imma mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2008, wara li jittieħed kont tal-kompiti kollha li jirreferu għall-Eurojust.

Sa dak iż-żmien, l-Eurojust ser itejjeb il-funzjonament tiegħu billi jiffoka fuq il-koordinazzjoni ta' każijiet multilaterali, serji u kumplessi. L-Eurojust għandu jinkludi fir-rapport annwali tiegħu lill-Kunsill ir-riżultati u l-kwalità tal-koperazzjoni ma' l-Istati Membri. L-Eurojust għandu jagħmel użu massimu mill-ftehim ta' koperazzjoni ma' l-Europol u għandu jkompli l-koperazzjoni mar-Rettikolat Ewropew Ġudizzjarju u sħab oħra rilevanti.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jikkonsidra l-iżvilupp ulterjuri ta' l-Eurojust, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

3.4 Koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili

3.4.1 Faċilitar tal-proċedura tal-liġi ċivili bejn il-fruntieri

Il-liġi ċivili, ikluża l-liġi tal-familja, tikkonċerna ċ-ċittadini fil-ħajjiet tagħhom ta' kuljum. Il-Kunsill Ewropew għaldaqstant, jagħti importanza kbira lill-iżvilupp kontinwu tal-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u l-ikkompletar sħiħ tal-programm ta' rikonossiment reċiproku adottat fis-sena 2000. L-għan prinċipali tal-politika f'dan il-qasam hu li l-fruntieri bejn il-pajjiżi fl-Ewropa ma għandhomx jikkonstitwixxu iktar xkiel għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' liġi ċivili jew il-bidu ta' proċedimenti tal-qorti u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili.

¹ ĠU L 63, 6.3.2002, paġni 1-3.

3.4.2 Rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet

Ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet hu mezz effettiv ta' protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u li jiżgura l-infurzar ta' tali drittijiet bħal dawn bejn il-fruntieri Ewropej.

Implimentazzjoni kontinwa tal-programm ta' miżuri dwar rikonoxximent reċiproku¹ għandha għaldaqstant tkun priorità prinċipali fis-snin li ġejjin biex tiżgura it-twettiq sa l-2011. Ħidma dwar il-proġetti li ġejjin għandha tiġi segwita b'mod attiv: il-kunflitt ta' liġijiet rigward obligazzjonijiet non-kuntrattwali ("Ruma II") u obligazzjonijiet kuntrattwali ("Ruma I"), Ordni ta' Ħlas Ewropew u strumenti li jikkonċernaw ir-riżoluzzjoni alternattiva ta' dispużiti u li jikkonċernaw talbiet żgħar. Fil-programmar tat-twettiq ta' dawn il-proġetti, konsiderazzjoni dovuta għandha tingħata lejn il-ħidma attwali f'oqsma relatati.

L-effikaċja ta' strumenti eżistenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku għandha tiżdied billi l-proċeduri u d-dokumenti jiġu standardizzati u jiġu żviluppati standards minimi għal aspetti ta' liġi proċedurali, bħas-servizz ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji, il-bidu ta' proċedimenti, l-infurzar ta' sentenzi u t-trasparenza ta' l-ispejjeż.

Fir-rigward tal-liġi tal-familja u tas-suċċessjoni, il-Kummissjoni hi mistiedna tissottometti l-proposti li ġejjin:

- abbozz ta' strument dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment, inkluż miżuri ta' prekawzjoni u l-infurzar proviżorju fl-2005;
- *green paper* dwar il-kunflitt ta' liġijiet fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni, inkluż il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni, rikonoxximent reċiproku u infurzar ta' deċiżjonijiet f'dan il-qasam, ċertifikat Ewropew ta' wirt u mekkaniżmu li jippermetti tagħrif preċiż ta' l-eżistenza ta' l-aħħar riedat u testamenti ta' residenti ta' l-Unjoni Ewropea fl-2005; u
- *green paper* dwar il-kunflitt ta' liġijiet fi kwistjonijiet li jikkonċernaw reġimijiet ta' proprjetà matrimonjali, inkluż il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni u rikonoxximent reċiproku fl-2006;
- *green paper* dwar il-kunflitt ta' liġijiet fi kwistjonijiet relatati mad-divorzju (Ruma III) fl-2005.

L-istrumenti f'dawn l-oqsma għandhom jiġu mwettqa sa l-2011. Tali strumenti għandhom ikopru kwistjonijiet ta' dritt internazzjonali privat u ma għandhomx ikunu bbażati fuq kunċetti armonizzati ta' "familja", "żwieġ", jew oħrajn. Regoli ta' liġi uniformi sostanzjali għandhom jiġu introdotti biss bħala miżura ta' akkumpanjament, kull meta jkun meħtieġ biex ikun effettwat ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet jew biex titjeb il-koperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet ċivili.

¹ ĠU L 12, 15.1.2001, paġni 1-9.

L-implimentazzjoni tal-programm ta' rikonossiment reċiproku għandu jkun akkompanjat b'reviżjoni bir-reqqa ta' l-operazzjoni ta' strumenti li kienu adottati reċentamenti. Ir-riżultat ta' tali reviżjoni għandha tipprovdi l-kontribut meħtieġ għat-tnejja ta' miżuri ġodda.

3.4.3 It-tisħiħ tal-koperazzjoni

Sabiex tintlaħaq l-operazzjoni bla xkiel ta' l-istrumenti li jinvolvu koperazzjoni ġudizzjarja jew ta' korpi oħra, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jgħaḥlu mħallfin ta' kollegament jew awtoritajiet kompetenti oħra fil-pajjiż tagħhom stess. Fejn xieraq huma jistgħu jużaw il-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom fi ħdan ir-Rettikolat Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili. Il-Kummissjoni hi mistiedna torganizza sessjonijiet ta' ħidma ta' l-UE dwar l-applikazzjoni tal-liġi ta' l-UE u tippromovi koperazzjoni bejn membri tal-professjoni legali (bħal ma huma uffiċjali ġudizzjarji u nutara pubbliċi) bil-ħsieb li tistabbilixxi l-aħjar prattika.

3.4.4 Koerenza żgurata u titjib tal-kwalità ta' leġislazzjoni ta' l-UE

Fi kwistjonijiet ta' liġi kuntrattwali, il-kwalità ta' liġi Komunitarja eżistenti u tal-ġejjieni għandha tiġi mtejjba b'miżuri ta' konsolidazzjoni, kodifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni ta' strumenti legali fis-seħħ u bl-iżvilupp ta' kwadru komuni ta' referenza. Qafas għandu jiġi stabbilit biex jiġu esplorati l-possibilitajiet għall-iżvilupp ta' termini standard fl-UE kollha u kondizzjonijiet ta' liġi kuntrattwali li jkunu jistgħu jintużaw minn kumpaniji u assoċjazzjonijiet kummerċjali fl-Unjoni.

Miżuri għandhom jittieħdu biex il-Kunsill ikun jista' jeffettwa skrutinju iktar sistematiku tal-kwalità u l-koerenza ta' l-istrumenti tal-liġi tal-Komunità kollha li għandhom x'jaqsmu ma' koperazzjoni fi kwistjonijiet ta' liġi ċivili.

3.4.5 Ordni legali internazzjonali

Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mħeġġa biex jiżguraw koerenza bejn l-UE u l-ordni legali internazzjonali u jkomplu jinpenjaw ruħhom f'relazzjonijiet u koperazzjoni iktar mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Konferenza ta' l-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Kunsill ta' l-Ewropa, b'mod partikulari biex jikkoordinaw inizzjattivi u biex jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-attivitajiet u l-istrumenti ta' dawn l-organizzazzjonijiet u l-istrumenti ta' l-UE. L-adeżjoni tal-Komunità għall-Konferenza ta' l-Aja għandha tiġi konkluda malajr kemm jista' jkun.

4. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Kunsill Ewropew jikkonsidra l-iżvilupp ta' dimensjoni esterna koerenti tal-politika ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ta' l-Unjoni bħala priorità li qed tikber.

Barra mill-aspetti diġà indirizzati fil-kapitoli preċedenti, il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Kummissjoni u lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli biex jippreżentaw sa' l-aħħar ta' l-2005, strateġija li tkopri l-aspetti esterni kollha tal-politika ta' l-Unjoni dwar libertà, sigurtà u ġustizzja bbażata fuq il-miżuri żviluppati f'dan il-programm lill-Kunsill. L-istrateġija għandha tirrifletti r-relazzjonijiet speċjali ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi, gruppi ta' pajjiżi u reġjuni, u tiffoka fuq l-ħtiġiet speċifiċi għal koperazzjoni fil-ĠAI magħhom.

Is-setgħat kollha disponibbli għall-Unjoni, inklużi r-relazzjonijiet esterni, għandhom jintużaw f'mod integrat u konsistenti sabiex tiġi stabbilita żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għandu jittieħed kont tal-linji gwida li ġejjin¹: l-eżistenza ta' linji politiċi interni bħala l-ikbar parametru li jiġġustifika azzjoni esterna; il-ħtieġa għal valur miżjud skond proġetti mwettqa mill-Istati Membri; il-kontribut għall-għanijiet politiċi ġenerali tal-linji politiċi barranin ta' l-Unjoni; il-possibilità ta' ksib ta' l-għanijiet matul perijodu ta' żmien raġonevoli; il-possibilità ta' azzjoni għal perijodu twil.

¹ stabbilit fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fi Feira fl-2000

**DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL EWROPEW
DWAR IR-RELAZZJONI BEJN L-UE U L-IRAQ**

1. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-iżviluppi fl-Iraq mit-treġġiġ tas-sovranità ta' l-Iraq fit-28 ta' Ġunju 2004.
2. Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-għan tiegħu ta' Iraq bħala pajjiż fejn hemm is-sigurtà u l-istabbiltà, li hu unifikat, prosperu u demokratiku, li ser jagħmel kontribut posittiv għall-istabbiltà tar-reġjun; għal Iraq li ser jaħdem b'mod kostruttiv mal-ġirien tiegħu u mal-komunità internazzjonali biex jintlaħqu l-isfidi komuni. Qabel li l-UE għandha taħdem fl-intier tagħha fi sħubija mal-Gvern Interim Iraqi, il-poplu Iraqi u l-parteċipanti fil-Konferenza ta' Sharm el Sheikh tat-23 ta' Novembru 2004 sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.
3. Il-Kunsill Ewropew laqa' bil-ħerqa t-treġġiġ lura tas-sovranità lill-Gvern Interim Iraqi li seħħ fit-28 ta' Ġunju 2004. Afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex jagħti sostenn lill-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1546 tan-NU u lin-NU fl-attivitajiet tiegħu fl-Iraq. Il-Kunsill Ewropew esprima s-sostenn sħiħ ta' l-UE għat-transizzjoni politika li twassal għal Gvern Iraqi elett b'mod kostituzzjonali. Jilqa' kwalunkwe passi li l-Gvern Interim Iraqi jieħu biex jikseb parteċipazzjoni iktar wiesgħa tal-firxa politika fl-Iraq, b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess tal-proċess politiku u jipprovdi soluzzjonijiet għall-problemi ta' l-Iraq. L-elezzjonijiet ippjanati għal Jannar 2005 huma pass importanti f'dan il-proċess, u l-Kunsill Ewropew innota l-importanza tas-sostenn kontinwu ta' l-UE għal dawn l-elezzjonijiet, kif ukoll għal dawk li għandhom iseħħu f'Diċembru 2005.

4. L-UE ser tuża d-djalogu tagħha ma' l-Iraq u l-ġirien tiegħu sabiex thegħgeġ impenn reġjonali kontinwu u sostenn għal sigurtà mtejbja u għall-proċess politiku u ta' rikostruzzjoni fl-Iraq ibbażat fuq l-inklużjoni, il-prinċipji demokratiċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, kif ukoll sostenn għas-sigurtà u l-koperazzjoni fir-reġjun. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew laqa' l-Konferenza Internazzjonali li ser tinżamm f'Sharm el Sheikh li fiha ser tipparteċipa l-UE, bħala pass ieħor fl-isforzi għas-sostenn tal-proċess politiku u ta' rikostruzzjoni skond l-UNSCR 1546. L-UE ser tagħti sostenn lil dan il-proċess u tisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu l-elezzjonijiet f'Jannar 2005.
5. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu għall-attakki terroristiċi, it-teħid ta' ostaġġi u l-qtil li ġie mwettaq fl-Iraq. L-UE jiddispjaċiha li l-kampanja ta' vjolenza terroristika fl-Iraq qed ittawwal it-tbatija tal-poplu Iraqi u toħloq diffikultajiet għall-progress politiku u r-rikostruzzjoni ekonomika fl-Iraq u tilqa' l-impenn taħt l-UNSCR 1546 biex il-partijiet kollha jaġixxu skond id-dritt internazzjonali, inkluż il-protezzjoni u l-promozzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem.
6. Il-Kunsill Ewropew fakkar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-UE u l-Iraq – Qafas għal Impenn", approvata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju, li tistabbilixxi għanijiet għal perijodu medju għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iraq u l-ittra mir-Rappreżentant Għoli Solana u l-Kummissarju Patten. Il-Kunsill Ewropew innota li sar progress sinifikanti fl-impenn ma' l-Iraq.
7. Il-Kunsill Ewropew fakkar il-kontribut ta' iżjed minn € 300 miljun impenjati mill-Komunità għas-sostenn umanitarju u ta' rikostruzzjoni fl-2003-2004. Tali kontribuzzjoni ffokat fuq ir-riabilitazzjoni ta' servizzi essenzjali - ilma, sanità, edukazzjoni u saħħa -, għat-tisħiħ ta' l-impjeg u t-tnaqqis tal-faqar u sostenn ta' l-iggvernar, il-proċess politiku, is-soċjetà ċivili u d-drittijiet tal-bniedem. Bosta Stati Membri kkontribwixxu wkoll għall-Faċilità ta' Fondi Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni ta' l-Iraq (IRFFI).

8. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-Missjoni konġunta għas-Sejba tal-Fatti għall-possibbiltà ta' operazzjoni integrata tal-Pulizija u ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq u kkonsidra r-rapport tagħha. Il-Kunsill Ewropew għaraf l-importanza li tissaħħaħ is-sistema ta' ġustizzja kriminali, konsistenti mar-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Innota x-xewqa ta' l-awtoritajiet Iraqqini li l-UE ssir involuta b'mod aktar attiv fl-Iraq u li t-tisħiħ tas-settur tal-ġustizzja kriminali jirrispondi għall-ħtiġiet u l-prijoritajiet Iraqqini.
9. Il-Kunsill Ewropew qabel li l-UE tista' tikkontribwixxi b'mod utli għar-rikostruzzjoni u t-tfaċċar ta' Iraq bħala pajjiż fejn hemm stabbiltà, sigurtà u demokrazija permezz ta' missjoni integrata tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili, li tista', inter alia, tippromovi kollaborazzjoni eqreb bejn l-atturi differenti fis-sistema ta' ġustizzja kriminali u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-uffiċjali superjuri u ta' potenzjal għoli tal-pulizija, il-ġudikatura u l-ħabs u ttejjeb il-kapaċitajiet u l-proċeduri fl-investigazzjoni kriminali b'rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Tali missjoni għandha tkun żgura, indipendenti u distinta iżda tkun kumplementari u ggħib valur miżjud lill-isforzi internazzjonali attwali kif ukoll tiżviluppa sinerġiji ma' l-isforzi attwali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri. Waqt li ggħudika li l-attivitajiet barra mill-Iraq bi preżenza ta' elementi ta' kollegament fl-Iraq ikunu fattibbli f'dan iż-żmien, il-Kunsill Ewropew qabel li rigward missjoni għewwa l-Iraq, jeħtieġ li t-tħassib kollu dwar is-sigurtà jiġi ndirizzat kif xieraq qabel ma tkun tista' tittieħed kwalunkwe deċiżjoni.
10. Il-laqgħa tal-Prim Ministru Allawi mal-Kunsill Ewropew tat lill-Unjoni l-opportunità biex tkompli d-djalogu politiku tagħha ma' l-Iraq u biex tiddiskuti l-ġejjieni ta' l-Iraq u t-tisħiħ ta' l-impenn ta' l-UE ma' l-Iraq.
11. Il-Kunsill Ewropew ippreżenta lis-Sur Allawi b'pakkett komprensiv ta' għajnuna ta' l-UE lill-Iraq. Dan il-pakkett, magħmul minn elementi pprovduti kemm mill-Komunità kif ukoll mill-Istati Membri, jinkludi l-elementi li ġejjin:

- L-Iraq ser jingħata l-perspettiva ta' ftehim bejn l-UE u l-Iraq biex jirrifletti l-interess reċiproku fl-iżvilupp ta' sħubija u biex jippromovi l-koperazzjoni politika u kummerċjali bejn l-UE u l-Iraq. Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tibda t-tħejjijiet u biex taħdem mal-Gvern Iraqi fuq programmi ta' għajjnuna fokalizzati li jimmiraw għall-iżvilupp tal-kondizzjonijiet għal tali ftehim. F'dak ir-rigward il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ kif xieraq u bil-konsiderazzjoni dovuta lejn is-sigurtà, il-preżenza tagħha f'Bagdad.
- B'konformità mal-konklużjonijiet tal-GAERC ta' Lulju u Settembru dwar sostenn finanzjarju u ta' persunal ta' l-UE għat-tħejjijiet għall-elezzjonijiet f'koordinazzjoni mill-qrib man-NU, il-Komunità ser tippovdi € 30 miljun oħra għall-parti dwar l-elezzjonijiet tal-Faċilità ta' Fondi Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni ta' l-Iraq (IRFFI) u bi ħsiebha tagħti aktar sostenn għall-proċess elettorali permezz ta' miżuri speċifiċi, bħall-provvediment ta' esperti dwar elezzjonijiet lill-Kummissjoni Elettorali Indipendenti ta' l-Iraq kif ukoll it-taħriġ ta' osservaturi nazzjonali. L-Istati Membri qed jagħtu wkoll għajjnuna għat-tħejjijiet għall-elezzjonijiet permezz ta' kontributi bilaterali. Minħabba t-terminu ta' Jannar għall-elezzjonijiet, huwa kruċjali li dan is-sostenn jiġi mħallas minnufih sabiex ikollu rwol fil-proċess ta' qabel l-elezzjoni.
- Minħabba li l-UE tagħti importanza kbira lil preżenza attiva tan-NU fl-Iraq u ssostni r-rwol prinċipali tan-NU fil-promozzjoni tal-proċess politiku u r-rikostruzzjoni ta' l-Iraq, l-Istati Membri ta' l-UE huma lesti li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-finanzjament tal-“middle ring” tal-Forza ta' Protezzjoni tan-NU fl-Iraq, wara t-talba magħmula mis-Segretarju Ġenerali tan-NU. Il-Kummissjoni tkompli tiddiskuti man-NU dwar kontribut finanzjarju possibbli tal-Komunità għall-“inner ring”.
- Tim ta' esperti għandu jintbagħat sa l-aħħar ta' Novembru 2004 sabiex ikompli d-djalogu ma' l-awtoritajiet Iraqqini, biex jibda l-ippjanar inizzjali għal missjoni integrata possibbli tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili li hi mistennija tibda wara l-elezzjonijiet ta' Jannar 2005 u b'mod partikulari jivvaluta l-ħtiġiet urġenti ta' sigurtà għal tali missjoni. Djalogu ma' pajjiżi oħra fir-reġjun dwar dawn il-kwistjonijiet u oħrajn għandu wkoll jiġi inkoraġġut.

- L-implimentazzjoni attwali ta' l-għajnuna umanitarja u ta' rikostruzzjoni; il-maġġoranza tal-fondi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri ser ikompli jkunu diretti lejn l-IRFFI.
- L-Iraq huwa benefiċjarju tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ta' l-UE u għandu jkun imħeġġeġ biex jagħmel dak li hu meħtieġ sabiex jibbenefika minn dawk il-preferenzi. Il-Kunsill Ewropew fakkar l-offerta tal-Kummissjoni lill-Gvern Interim Iraqi sabiex timplimenta l-preferenzi GSP ma' l-Iraq. Kif il-kondizzjonijiet jippermettu, il-Kummissjoni Ewropea għandha taħdem flimkien ma' l-amministrazzjoni Iraqqina sabiex tiġi stabbilita s-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva li hija hteġa sabiex topera s-sistema.
- L-isforzi kontinwi ta' l-Istati Membri biex jiskambjaw opinjonijiet dwar id-dejn u l-kondizzjonijiet applikabbli għall-politika ekonomika relatata ma' tali dejn. Bosta Stati Membri ta' l-UE huma involuti fin-negozjati attwali tal-Klabb ta' Pariġi dwar id-dejn ta' l-Iraq. Il-Kunsill Ewropew laqa' ż-żjara li ġejja ta' missjoni tal-Ministeru tal-Finanzi ta' l-Iraq lill-Klabb ta' Pariġi f'Novembru.
